II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/262

tas-17 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju fl-equidae [1], u partikolarment l-Artikolu 4(2)(c) u (d), it-tieni inċiż tal-Artikolu 6(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 90/427/KEE dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi li jirregolaw kummerċ intra-Unjoni f'equidae. Dan jitlob lill-Istati Membri li jiżguraw li l-equidae rreġistrati li jinġarru huma akkumpanjati minn dokument tal-identifikazzjoni maħruġ minn organizzazzjonijiet ta' tnissil jew assoċjazzjonijiet ta' nissiela approvati msemmija f'dik id-Direttiva.

(2) Id-Direttiva 2009/156/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi; Din tipprovdi li l-equidae rreġistrati għandhom jiġu identifikati permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni maħruġa skont id-Direttiva 90/427/KEE jew b'assoċazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni li tamministra ż-żwiemel għal kompetizzjoni jew tiġrija. L-equidae għat-trobbija u l-produzzjoni għandhom jiġu identifikati permezz ta' metodu stabbilit mill-Kummissjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 [3], li japplika mill-1 ta' Lulju 2009, jistabbilixxi r-regoli dwar l-identifikazzjoni ta' equidae mwielda jew importati fl-Unjoni, u jistabbilixxi dokument ta' identifikazzjoni (passaport ekwin) għall-equidae li huwa dokument bi skop multifunzjonali li jservi s-saħħa tal-annimali u dik pubblika kif ukoll il-ħtiġijiet żootekniċi u sport ekwestri. B'enfasi fuq id-dokument ta' identifikazzjoni bħala element kostituttiv tas-sistema ta' identifikazzjoni ekwina, dak ir-Regolament jipprevedi biss l-għażla li jinkorpora l-informazzjoni li tinsab fil-bażijiet ta' dejta ta' bosta korpi emittenti f'bażi ta' dejta ċentrali jew il-bażijiet ta' dejta tagħhom f'netwerk ma' dik il-bażi ta' dejta ċentrali.

(4) L-Istati Membri ltaqgħu ma' diffikultajiet biex jimplimentaw il-miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 504/2008. Dawn id-diffikultajiet prinċipalment jikkonċernaw il-metodu ta' identifikazzjoni ta' equidae permezz tad-dokument ta' identifikazzjoni.

---

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 55.
[2] ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3).

(5) L-investigazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri żvelaw li d-dokument ta' identifikazzjoni huwa l-mira ta' frodi sinifikanti. Ir-riskju ewlieni jirrappreżenta l-introduzzjoni mill-ġdid illegali fil-katina tal-ikel ta' equidae li qabel ġew eskluży mill-qatla għall-konsum uman u ttrattati bi prodotti mediċinali li mhumiex awtorizzati għall-annimali li jipproduċu l-ikel. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE ([1]), eluf ta' equidae ġew eskluży b'mod irriversibbli mill-qatla għall-konsum uman. In-nuqqas ta' alternattivi għaż-żamma tal-equidae inutilizzabbli u mhux mixtieqa tul ħajjithom, li ġew eskluży mill-qatla għall-konsum uman, wassal għal negliġenza u abbandun b'konsegwenzi serji għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali. Din is-sitwazzjoni ġiet iggravata mis-sitwazzjoni ekonomika attwali, li f'ħafna każijiet twassal biex l-equidae, fit-tmiem tal-ħajja produttiva tagħhom, ma jibqgħux affordabbli. F'ċerti Stati Membri, il-problemi laħqu proporzjonijiet tali li l-awtoritajiet kompetenti nedew programmi għall-qatla ta' equidae inutilizzabbli barra mill-katina alimentari.

(6) Matul dawn l-aħħar snin, ragħa illeċitu ħareġ bħala fenomenu ġdid li jaffettwa s-sidien ta' art tal-mergħa, peress li legalment kienu saru indokraturi ta' equidae u b'mod mhux intenzjonat kisbu r-responsabbiltajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008. Mhuwiex ċar jekk dawn l-equidae jistgħu wkoll ikunu rilevanti għall-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-Unjoni f'żoni oħra.

(7) Sar evidenti li t-tagħrif irreġistrat fil-bażi ta' dejta tal-korp emittenti fiż-żmien tal-ħruġ tad-dokument ta' identifikazzjoni malajr jiskadi. Għaldaqstant, huwa estremament diffiċili, jekk mhux kompletament imprattikabbli, għall-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw, fil-kuntest ta' ċertifikazzjoni jew verifika tal-identità, kemm jekk dokument ta' identifikazzjoni huwiex awtentiku u jekk l-informazzjoni li fih hijiex attwali u plawsibbli u jekk kienx soġġett għal bidliet frodulenti, primarjament relatati mal-istatus tal-annimali maħsuba għall-qatla, iżda wkoll sabiex jużaw il-kundizzjonijiet aktar favorevoli għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali għall-moviment ta' equidae rreġistrati.

(8) Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-bażijiet ta' dejta tal-korpi differenti li joħorġu l-passaporti mhumiex konnessi ma' xulxin, u għal raġunijiet legali u amministrattivi, korp uniku għall-ħruġ tal-passaporti ma jikkostitwixxix soluzzjoni faċilment disponibbli. Għaldaqstant, l-azjenda ta' bażi ta' dejta ċentrali hija meqjusa bħala l-aktar soluzzjoni effikaċi għall-iskambju u s-sinkronizzar tad-dejta bejn l-atturi differenti skont id-Direttivi 90/427/KEE u 2009/156/KE kemm ikun meħtieġ għall-ġestjoni ta' dokumenti ta' identifikazzjoni ta' equidae bl-għan li jipprovdu mhux biss garanziji tas-saħħa tal-annimali meħtieġa, iżda wkoll li jippermettu l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa pubblika li jkunu korretti u affidabbli fl-identifikazzjoni ta' equidae bħala prerekwiżit.

(9) L-inkjesta mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' avvenimenti tal-laħam taż-żiemel tal-2013 uriet li 23 Stat Membru stabbilixxew bażi ta' dejta ċentrali, u żewġ Stati Membri għandhom bażi ta' dejta waħda għal equidae rreġistrati u equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni rispettivament. It-tliet Stati Membri, li jirrappreżentaw madwar 20 % tal-6,7 miljun equidae fl-Unjoni, ma għandhom l-ebda bażi ta' dejta ċentralizzata.

(10) Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi analizzata s-sistema tal-Unjoni għall-identifikazzjoni tal-equidae sabiex jiġi żgurat li huwa sikur iżda wkoll favorevoli għall-utent.

(11) L-importazzjoni tal-equidae fit-territorji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) huma soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva 2009/156/KE u huma awtorizzati minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ([3]). Ġeneralment, madwar 4 000 equidae rreġistrati u equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni jiġu introdotti kull sena fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE ([4]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE li tistabbilixxi l-identifikazzjoni ta' ekwidi għat-trobbija u l-produzzjoni (ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni tal-veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tnissil u produzzjoni (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 16).

(12) Meta jiġu applikati l-proċeduri doganali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), huwa neċessarju li ssir ukoll referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 706/73 ([2]). Ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 jistipula li mill-1 ta' Settembru 1973, ir-regoli tal-Unjoni jsiru applikabbli fiċ-Channel Islands u fil-Gżira ta' Man fil-qasam tal-leġiżlazzjoni veterinarja.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/78/KEE ([3]) tistabbilixxi l-kriterji biex jitniżżlu u jiġu rreġistrati l-equidae fil-kotba li jkun fihom ir-razez taż-żwiemel għal skopijiet ta' tagħmir Fost affarijiet oħra, dik id-deċiżjoni tirrikjedi li biex jidħol fis-sezzjoni prinċipali ta' reġistru għaż-żwiemel tar-razza tat-tnissil tiegħu, l-annimal ekwin jiġi identifikat mis-saqajn bħala felu skont ir-regoli tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza, li għandu tal-inqas jeħtieġ ċertifikat ta' kopertura. Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-faċilità tal-applikazzjoni tagħha, ir-regoli dwar id-dokument ta' identifikazzjoni ma għandhomx jikkompromettu l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-equidae għall-iskop ta' dħul firr-reġistri għaż-żwiemel tar-razza.

(14) Il-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw ukoll mal-prinċipji stabbiliti mill-organizzazzjonijiet ta' tgħammir approvati skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/353/KEE ([4]). Skont dik id-Deċiżjoni, huwa f'idejn l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni li żżomm ir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza tal-oriġini tar-razza biex tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-identifikazzjoni tal-equidae u dwar it-tqassim tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza fi klassijiet u dwar il-linji ta' parentela mdaħħla fir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza.

(15) Sabiex jiżguraw il-kwalità għolja u ż-żamma ta' rekords għall-equidae kollha fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn is-sistemi tal-identifikazzjoni ta' equidae rreġistrati li ġew imdaħħla jew irreġistrati fir-reġistri għaż-żwiemel tar-razza stabbiliti li jintlaħqu minn organizzazzjoni tat-tnissil approvati jew rikonoxxuti jew assoċjazzjonijiet tat-tnissil, fir-rigward tal-ħruġ tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħatra mill-awtorità kompetenti ta' korpi li joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni.

(16) Id-definizzjoni ta' "equidae", li taqa' strettament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/156/KE, għandha tikkonforma mat-tassonomija użata fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-appendiċijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82 ([5]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([6]).

(17) Billi d-definizzjoni ta' azjenda stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE ([7]) tinkludi r-riżervi naturali li l-equidae jgħixu fihom fil-libertà u għalhekk hija iktar wiesgħa minn dik stabbilita fid-Direttiva 2009/156/KE, huwa xieraq li d-definizzjoni ta' azjenda stabbilita f'dan ir-Regolament tkopri wkoll ir-riżervi naturali li l-equidae jgħixu fihom fil-libertà.

(18) Is-superviżjoni veterinarja meħtieġa biex tipprovdi garanziji dwar il-kundizzjoni sanitarja tal-annimali fejn meħtieġa skont id-Direttiva 2009/156/KE tista' tiġi żgurata biss jekk l-azjenda kif iddefinita fid-Direttiva tiġi magħrufa mill-awtorità kompetenti. Ir-rekwiżiti simili jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Parti A tal-Kapitolu II tat-Taqsima I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 ([8]) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-equidae bħala annimali għall-produzzjoni tal-ikel. Madankollu, wara li kkunsidra l-frekwenza li biha l-equidae jiċċaqilqu, mhuwiex xieraq li tiġi stabbilita sistema li biha l-equidae għandhom jiġu traċċati f'ħin reali. Pjuttost, id-dettalji tal-identifikazzjoni għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti u għal dan l-għan il-preżenza ta' bażi ta' dejta ċentrali f'kull Stat Membru hija strumentali għall-ġestjoni tal-informazzjoni dwar l-equidae li jinżammu f'dak l-Istat Membru.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 706/73 tat-12 ta' Marzu 1973 li jikkonċerna l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għall-Channel Islands u l-Isle of Man għal kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 68, 15.3.1973, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/78/KEE tal-10 ta' Jannar 1996 li tistabbilixxi l-kriterji biex jitniżżlu u jiġu rreġistri l-equidae fil-kotba li jkun fihom ir-razez taż-żwiemel għal skopijiet ta' tagħmir (ĠU L 19, 25.1.1996, p. 39).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/353/KEE tal-11 ta' Ġunju 1992 li tippreskrivi l-kriterji għall-approvazzjoni jew l-għarfien ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu kotba stud għal equidae reġistrati (ĠU L 192, 11.7.1992, p. 63).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82 tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar l-implimentazzjoni fil-Komunità tal-Konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali ta' speċi ta' annimali u pjanti salvaġġi li huma fil-periklu (ĠU L 384, 31.12.1982, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabbilixxi r-regoli ta' kontroll u miżuri biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 157, 10.6.1992, p. 19).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).

(19) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiddistingwi bejn il-proprjetarji u l-indokraturi tal-annimali. It-terminu "gwardjan" tal-annimali huwa ddefinita u użat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Minnaħa l-oħra, id-Direttiva 2009/156/KE tirreferi għas-sid jew għal dak responsabbli għat-tgħammir tal-annimali. Id-definizzjoni magħquda ta' sid u indokratur hija prevista fid-Direttiva 92/35/KEE. Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali, is-sid tal-annimal ekwin mhuwiex neċessarjament il-persuna responsabbli għall-annimal ekwin, għalhekk jixraq li jiġi ċċarat li primarjament l-indokratur tal-annimal ekwin, li jista' jkun is-sid, għandu jkun responsabbli għall-identifikazzjoni tal-equidae skont dan ir-Regolament.

(20) Skont il-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri jew ir-rekwiżit ta' ċerti korpi emittenti, jeħtieġ li jitniżżel it-tagħrif dwar is-sid tal-annimal fid-dokument tal-identifikazzjoni u jitniżżel bħala konsegwenza fil-bażi ta' dejta miżmuma mill-korp emittenti. Barra minn hekk, dan it-tagħrif dwar is-sjieda u l-bidla tagħha, tista' tiġi pprovduta f'għamliet differenti ta' ċertifikati ta' sjieda jew kards ta' reġistrazzjoni, inkluża l-"carte d'immatriculation" imħaddma tajjeb f'xi Stat Membru.

(21) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE ([2]) tistabbilixxi li l-Istati Membri jfasslu, u jżżommu aġġornati l-lista ta' stabbilimenti approvati fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u jagħmluhom disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-Istati Membri l-oħra u mill-pubbliku għal-listi ta' azjendai approvati, il-listi jiġu disponibbli b'mod elettroniku mill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-Internet. Il-Kummissjoni trid tgħin lill-Istati Membri biex dawn il-listi jagħmluhom disponibbli lill-Istati Membri l-oħra u lill-pubbliku billi jingħata l-indirizz ta' websajt fuq l-Internet li turi l-ħoloq nazzjonali tal-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-Internet tal-Istati Membri.

(22) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' tagħrif b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri, u biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-intelliġibilità, huwa importanti li l-listi jiġu ppreżentati b'mod uniformi mal-Unjoni kollha. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/712/KE ([3]) għalhekk tistabbilixxi mudelli li juru l-listi msemmija hawn fuq dwar il-paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet stabbiliti mill-Istati Membri.

(23) Ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 jipprevedi li l-equidae ma għandhomx jinżammu sakemm ma jiġux identifikati skont dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni kellha twieġeb għal bosta lmenti dwar il-popolazzjonijiet taż-żwiemel domestiċi li jgħixu barra l-azjendi f'kundizzjonijiet li ma kinux kompatibbli ma' dawk deskritti bħala li jgħixu kważi fis-selvaġġ f'dak ir-Regolament. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ċċarat, li l-equidae li jgħixu fl-Unjoni jiġu identifikati u bħala t-tieni pass jipprevedu deroga meta dik il-kundizzjoni ma tistax tintlaħaq.

(24) L-equidae li jgħixu fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni permanenti li jipprovdi deskrizzjoni narrattiva u dijagrammatika tal-annimal equidae u jirreġistra marki individwali ta' dak l-annimal għall-għan ta' verifika tal-identità. Dawn il-marki jistgħu jintirtu, bħal aktar minn tliet ċrieki, qastan, marki tal-kulur, difetti rari ta' pigment fl-għajnejn, għafsiet speċifiċi tal-muskolu, iżda wkoll b'ħafna dettall tal-iris jew ir-retina, il-marki ġenetiċi speċifiċi (profil tad-DNA) jew dawk miksuba, bħad-dipigmentazzjoni u l-marki ta' feriti mis-sarġ, inklużi dawk mill-kastrazzjoni taż-żwiemel tal-għalla, jew mill-marka.

(25) Id-dokumenti ta' identifikazzjoni ma għandhomx jinħarġu sakemm ma jkunux kompluti bid-dettalji ta' identifikazzjoni meħtieġa li għandhom jiġu rreġistrati fid-bażi ta' dejta tal-korp emittenti skont dan ir-Regolament.

(26) Barra minn hekk, iċ-ċertifikat tal-oriġini, stabbilit fid-Direttiva 90/427/KEE, li jrid jiġi inkorporat fid-dokument ta' identifikazzjoni, għandu jsemmi l-informazzjoni kollha neċessarja biex jiġi żgurat li l-equidae li jiġu mċaqilqa bejn ir-reġistri differenti għaż-żwiemel tar-razza jidħlu fil-klassi tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza li jintlaħqu l-kriterji tiegħu.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li tissimplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/426/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 91/496/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, Deċiżjoni 2000/258/KE u Direttiva 2001/89/KE, 2002/60/KE u 2005/94/KE (ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/712/KE tat-18 ta' Settembru 2009 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE fir-rigward ta' paġni ta' tagħrif ibbażati fuq l-Internet li fihom listi ta' azjendai u laboratorji approvati mill-Istati Membri bi qbil mal-leġiżlazzjoni veterinarja u żooteknika tal-Komunità (ĠU L 247, 19.9.2009, p. 13).

(27) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE [1], iċ-ċertifikat tar-razza u żootekniku għall-equidae rreġistrati jridu jsiru skont id-dokument ta' identifikazzjoni kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE [2]. Billi d-deċiżjonijiet 93/623/KE u 2000/68/KE ġew imħassra bir-Regolament (KE) Nru 504/2008, huwa ta' bżonn li jiġi ċċarat li kull referenza għal dawk id-Deċiżjonijiet tinftiehem bħala referenza għal dan ir-Regolament.

(28) Il-korpi li joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae rreġistrati jridu jkunu organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu r-reġistri għaż-żwiemel tar-razza tal-equidae rreġistrati li huma approvati jew rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont id-Deċiżjoni 92/353/KEE, jew minn aġenzija uffiċjali tal-Istat Membru li tamministra r-reġistru għaż-żwiemel tar-razza li fih l-annimal ekwin jiddaħħal jew jiġi rreġistrat għal skopijiet ta' tgħammir skont id-Deċiżjoni 96/78/KE. Barra minn hekk, il-fergħat nazzjonali ta' organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet internazzjonali, li jamministraw iż-żwiemel għal kompetizzjoni jew tlielaq u jkollhom il-kwartieri tagħhom fi Stat Membru għandhom ikunu kapaċi wkoll jaġixxu bħala korp li joħroġ dokumenti ta' identifikazzjoni għal żwiemel irreġistrati.

(29) L-Istati Membri jridu jingħataw aktar diskrezzjoni fir-rigward tal-korpi li joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae ta' tgħammir u produzzjoni. Għandu jkun possibbli li dawk id-dokumenti ta' identifikazzjoni jinħarġu minn awtorità kompetenti għall-azjenda fejn jinżamm l-annimal ekwin fiż-żmien tal-identifikazzjoni tiegħu jew miżmum mill-korp emittenti nominat u sorveljat mill-awtorità kompetenti.

(30) L-awtorità kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni jew ir-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet jistabbilixxu r-reġistri għaż-żwiemel tar-razza skont l-Anness tad-Deċiżjoni 92/353/KEE għandhom jikkooperaw mal-awtorità kompetenti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 biex jiġi żgurat, li fejn hemm bżonn permezz ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri, jinħarġu dokumenti ta' identifikazzjoni għall-equidae u jintużaw skont dan ir-Regolament.

(31) Billi l-equidae kollha mwielda jew importati fl-Unjoni jiġu ddefiniti skont dan ir-Regolament permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni wieħed maħruġ għal ħajjithom, hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet speċjali f'każijiet li l-istatus tal-annimal bħala "equidae tat-tgħammir u l-produzzjoni" jinbidel f'"equidae rreġistrat" skont id-Direttiva 2009/156/KE. Minħabba l-konsegwenzi mifruxa ta' din il-bidla għall-moviment, il-kummerċ u l-importazzjoni lejn l-Unjoni ta' equidae minn pajjiżi terzi fir-rigward tar-regoli tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fid-Direttiva 2009/156/KE, iżda wkoll fir-rigward tar-regoli tat-trattament xieraq tal-annimali li jirregolaw dawn il-movimenti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 [3], huwa neċessarju għall-awtorità kompetenti li jkollhom punt wieħed ta' aċċess, jiġifieri bażi ta' dejta ċentrali, biex jivverifikaw id-dettalji ta' identifikazzjoni ta' equidae meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni jew għall-kontrolli uffiċjali.

(32) L-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu reġimi speċifiċi għall-identifikazzjoni ta' equidae li jgħixu f'kundizzjonijiet selvaġġi jew kważi fis-selvaġġ f'żoni jew territorji ddefiniti, inklużi riservi naturali, minħabba l-konsistenza mad-definizzjoni tal-azjenda stabbilita fid-Direttiva 92/35/KEE. Madankollu, kull deroga bħal din minn obbligu ġenerali biex jiġu ddenfiniti l-equidae għandha tingħata biss meta dawk il-popolazzjonijiet iddefiniti ta' equidae li jgħixu f'kundizzjonijiet selvaġġi jew kważi fis-selvaġġ jiġu effettivament separati minn equidae f'kull forma ta' użu domestiku u jibqgħu mhux biss barra l-kontroll uman għas-sopravvivenza u r-riproduzzjoni tagħhom, iżda wkoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill98/58/KE [4] li ma japplikax għal annimali li jgħixu fis-selvaġġ.

(33) Fuq kollox, sabiex tiġi vverifikata l-identità ta' annimal ekwin, id-dokument tal-identifikazzjoni għandu jkun fih deskrizzjoni ta' kwalità għolja tal-annimal equidae li jikkonsisti f'narrattiva li tiddeskrivi l-annimal ekwin u l-marki tiegħu, u dijagramma b'deskrizzjoni dettaljata li turi l-marki individwali u distintivi tal-annimal ekwin.

(34) Sabiex jiġi żgurat li l-equidae jiġu deskritti b'mod korrett f'dokument ta' identifikazzjoni li jakkumpanjahom, l-korpi emittenti jistinkaw biex isegwu l-aħjar prattiki u jħarrġu l-persunal inkarigat mid-deskrizzjoni tal-annimali, pereżempju billi jsegwi l-linji gwida pprovduti mill-Fédération Équestre Internationale [5] u l-Weatherbys [6].

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE tat-18 ta' Lulju 1996 li tippreskrivi ċ-ċertifikati tal-annimali tar-razza u żootekniċi għall-importazzjoni ta' annimali tat-tagħmir, is-semen, il-bajd (ova) u l-embrijoni tagħhom (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE tal-20 ta' Ottubru 1993 li tistabbilixxi d-dokument tal-identifikazzjoni (passaport) li jakkumpanja l-equidae rreġistrati (ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23).

[5] http://www.cwbc.be/bibliotheque/File/livret_fei_en.pdf

[6] http://www.weatherbys.co.uk/sites/default/files/Identification%20of%20Horses%20Booklet.pdf

(35) Il-marki ta' annimal ekwin u l-mezzi ta' identifikazzjoni li japplikaw għalih li flimkien huma użati għall-iskop ta' verifika tal-identità mhux biss għandhom jistabbilixxu rabta inekwivokabbli bejn l-annimal ekwin u d-dokument ta' identifikazzjoni, iżda juru wkoll li dan l-annimal ekwin għadda minn proċess ta' identifikazzjoni skont dan ir-Regolament sabiex ma jinħariġx aktar minn dokument ta' identifikazzjoni wieħed għal annimal wieħed. L-identifikaturi elettroniċi ("transponders") għall-equidae diġà qegħdin jiġu użati b'mod mifrux fil-livell internazzjonali. It-teknoloġija għandha tiġi użata biex tiżgura rabta mill-qrib bejn annimal ekwin u d-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu għalkemm isiru dispożizzjonijiet għal metodi alternattivi użati għall-verifika tal-identità tal-annimal bil-kundizzjoni li dawk il-metodi alternattivi jwasslu għal garanziji ekwivalenti biex id-dokument ta' identifikazzjoni ma jinħariġx iktar minn darba.

(36) It-transponders użati għall-immarkar ta' equidae u l-apparati tal-qari li juru l-kodiċi integrati fit-transponder jikkonformaw mal-istandards miftiehma b'mod internazzjonali. Dawk l-istandards jipprevedu żewġ sistemi differenti biex tiġi żgurata l-uniċità tal-kodiċi tat-transponder. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri implimentaw ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 b'tali mod li użaw il-kodiċi tal-pajjiż alfanumeriku bi tliet ċifri u li amministraw it-tqassim tat-transponders permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

(37) Dik is-sistema li tiżgura l-uniċità tal-kodiċi tat-transponder trid tiġi integrata fit-tfassil tal-bażijiet tad-dejta miżmuma minn korpi emittenti u l-bażi ta' dejta ċentrali li timplimenta mingħajr ma jiġu kompromessi l-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' equidae karatterizzati minn transponder li juri l-kodiċi alfanumerika ta' disinn differenti.

(38) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE ([1]) tipprovdi għall-iċċekjar veterinarju li jrid jitwettaq fuq ċerti annimali u prodotti fil-post tad-destinazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, dan jistipula li d-destinatarji li jidħru fiċ-ċertifikat jew fid-dokument provdut f'dik id-Direttiva għandhom, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u safejn huwa meħtieġ biex jitwettqu dawk il-verifiki, jirrapportaw bil-quddiem il-wasla tal-annimali u l-prodotti minn Stat Membru ieħor u b'mod partikolari, in-natura tal-konsenja u d-data tal-wasla antiċipata. Dik in-notifikazzjoni mhix meħtieġa għaż-żwiemel irreġistrati li jkollhom dokument ta' identifikazzjoni previst fid-Direttiva 90/427/KEE.

(39) Filwaqt li l-equidae dejjem jiġu akkumpanjati mid-dokumenti ta' identifikazzjoni tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni attwali, għandu jkun hemm dispożizzjoni għal deroga minn dak ir-rekwiżit meta dan ma jkunx possibbli jew prattiku bil-ħsieb li d-dokument ta' identifikazzjoni jinżamm tul il-ħajja kollha tal-annimal ekwin jew fejn dan id-dokument ma jkunx inħareġ f'każ li l-annimal jinqatel qabel ma jilħaq l-età massima rikjesta għall-identifikazzjoni.

(40) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipperemttu wkoll dokument issimplifikat ta' identifikazzjoni biex jintuża għal equidae li jiġu mċaqilqa fit-territorju tagħhom. Il-kards tal-plastik b'ċippijiet integrati tal-kompjuter ("smart cards") ġew introdotti bħala mekkaniżmi għall-ħażna tad-dejta f'diversi żoni. Għandu jkun possibli li dawn l-ismart cards jinħarġu bħala alternattiva flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni u li jintużaw f'ċerti kundizzjonijiet minflok fid-dokument ta' identifikazzjoni li jakkumpanja l-equidae rregistrati jew l-equidae għat-tnissil u l-produzzjoni waqt li jiċċaqilqu fi Stat Membru.

(41) Jeħtieġ ukoll li jiġu stipulati każijiet meta d-dokument ta' identifikazzjoni oriġinali maħruġ skont dan ir-Regolament għat-tul ta' ħajja ta' annimal ekwin jintilef, u ma jibqax iktar jinqara jew ikun fih informazzjoni żbaljata li ma jirriżultawx minn prattiki illegali. Dawn id-dispożizzjonijiet kemm jista' jkun jeskludu l-pussess illegali ta' iktar minn dokument ta' identifikazzjoni wieħed sabiex jiġi deskritt b'mod korrett l-istat tal-annimal ekwin maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem. Fejn tkun disponibbli informazzjoni biżżejjed u verifikabbli, jinħareġ dokument ta' identifikazzjoni duplikat li jiġi mmarkat bħala tali, u li jeskludi l-annimal ekwin b'mod ġenerali mill-qatla għall-konsum mill-bniedem. F'każijiet oħra, jinħareġ dokument ta' identifikazzjoni sostitut, li jimmarka wkoll bħala tali, u li jeskludi l-annimal ekwin mill-qatla għall-konsum uman, li barra minn hekk għandu jiddefinixxi l-annimal bħala annaimal ekwin għat-tgħammir u l-produzzjoni.

(42) Dawk il-proċeduri japplikaw ukoll għal equidae li huma ppreżentati għal identifikazzjoni wara l-iskadenza stabbilita għall-ewwel identifikazzjoni minħabba prattiki frodulenti u l-intenzjoni li jinkiseb dokument ta' identifikazzjoni addizzjonali ma jistgħux jiġu eskużi.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29).

(43) F'ċerti każijiet, meta l-equidae jiġu mdaħħla jew reġistrati għad-dħul f'reġistru għaż-żwiemel tar-razza miżmuma minn organizzazzjonijiet għat-tnissil f'pajjiżi terzi, huma meħtieġa dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu l-annimal ekwin li jżomm ir-reġistrazzjoni tiegħu f'dak ir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza u li fl-istess waqt biex jiżgura l-esklużjoni tiegħu fil-katina tal-ikel permezz ta' entrati adattati f'dak id-dokument ta' identifikazzjoni.

(44) Skont id-Direttiva 2009/156/KE, id-dokument ta' identifikazzjoni huwa strument biex jirrestrinġi l-moviment tal-equidae f'każ ta' tifqigħa ta' marda li għandha tiġi notifikata b'mod obbligatorju fl-azjenda fejn jinżammu jew jitrabbew. Għaldaqstant huwa ta' bżonn li jsiru provvedimenti għas-sospensjoni tal-validità ta' dak id-dokument ta' identifikazzjoni għal raġunijiet ta' moviment fil-każ ta' tifqigħa ta' ċerti mard permezz ta' annotazzjoni xierqa fid-dokument ta' identifikazzjoni.

(45) Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/156/KE teħtieġ li meta jħallu l-azjenda tagħhom l-equidae rreġistrati jiġu ddefiniti permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni, li jrid jiċċertifika b'mod partikolari li l-equidae ma jiġux minn azjenda li kienet soġġetta għal ċerti ordnijiet ta' projbizzjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li s-Sezzjoni dedikata fil-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni tkun obbligatorja għall-equidae kollha u li tiġi fformulata mill-ġdid skont dan.

(46) Mal-mewt tal-equidae mhux bi qatla f'biċċerija, id-dokument ta' identifikazzjoni jekk jiġi mal-karkassa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-entità, għandu jingħata lura lill-korp emittenti mill-awtorità li tkun qed tissorvelja l-ipproċessar tal-annimal mejjet skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew il-kremazzjoni f'inċineraturi ta' kapaċità baxxa msemmija fil-Kapitolu III tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru142/2011 ([2]), u għandu jiġi żgurat li t-transponder, jew kull metodu alternattiv użat biex jivverifika l-identità tal-equidae, ma jiġux irriċiklati.

(47) Sabiex it-transponders ma jidħlux fil-katina alimentari, il-laħam minn annimali ekwini li ma setax jitneħħielhom it-transponder waqt il-qatla jiġu ddikjarati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-Kapitolu V tat-Taqsima II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004. Sabiex titħaffef il-lokazzjoni tat-transponders impjantati, il-post ta' impjantazzjoni għandu jiġi standardizzat u rreġistrat fid-dokumenti tal-identifikazzjoni.

(48) Skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-annimali ħajjin imħejjija għat-tqegħid fis-suq għall-konsum mill-bniedem jiġu ddefiniti bħala ikel. Dak ir-Regolament jipprevedi responsabilitajiet estensivi tal-operaturi fin-negozju tal-ikel matul l-istadji kollha tal-produzzjoni tal-ikel, inkluża t-traċċabilità tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel.

(49) L-equidae tat-tnissil u l-produzzjoni, kif ukoll equidae rreġistrati, jistgħu jsiru, f'ċertu stadju ta' ħajjithom, equidae għall-qatla, kif iddefinit fid-Direttiva 2009/156/KE. Il-laħam tas-solipedi, sinonimi għall-equidae, huwa ddefinit fil-Punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali.

(50) Wara li l-arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 għaddew skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 ([5]), ir-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-katina alimentari għal equidae ġew implimentati mill-1 ta' Jannar 2010.

(51) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jipprevedi li l-operatur tal-biċċerija jirċievi, jiċċekkja u jaġixxi skont l-informazzjoni tal-katina alimentari li tagħti dettalji dwar l-oriġini, l-istorja u l-ġestjoni ta' annimali maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti li l-informazzjoni marbuta mal-katina alimentari dwar is-solipedi domestiċi tintbagħat lill-biċċerija fl-istess ħin li jintbagħtu l-annimali, minflok tintbagħat qabel.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi l-arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

Id-dokument ta' identifikazzjoni li jakkumpanja l-equidae għall-qatla għalhekk jiġi parti minn dik l-informazzjoni tal-katina alimentari.

(52) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004, jipprevedi li l-veterinarju uffiċjali jivverifika l-konformità mad-dmir tal-operatur tan-negozju tal-ikel li jiżgura li l-annimali aċċettati għall-qatla għall-konsum mill-bniedem jiġu identifikati b'mod xieraq.

(53) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jipprevedi li l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiċċekkjaw il-passaporti li jakkumpanjaw lis-solipedi domestiċi biex jiżguraw li l-annimal ikun maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem u jekk jaċċettaw l-annimal għall-qatla, jagħtu l-passaport lill-veterinarju uffiċjali.

(54) Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tal-equidae li twieldu bħala annimali ta' speċi li jipproduċu l-ikel iżda li mhux fil-każijiet kollha mrobbija fuq kollox għal dak l-iskop u fil-maġġoranza tal-każijiet ta' ħajjithom ma jinżammux mill-operaturi tan-negozju tal-ikel kif iddefinit fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta proċedura li tiżgura konnessjoni bla problemi mill-kontrolli dwar id-dokument ta' identifikazzjoni għal raġunijiet ta' saħħa pubblika għall-ġestjoni ta' dak id-dokument skont id-Direttiva 2009/156/KE. Għaldaqstant, il-bażi tad-dejta ċentrali f'kull Stat Membru hija strumentali sabiex tivverifika ċerti dettalji tad-dokument ta' identifikazzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni li taċċetta dak l-annimal maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem. Fil-każ meta l-informazzjoni fir-rigward tal-esklużjoni mill-qatla għall-konsum uman fit-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni ma taqbilx mal-informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-dejta ċentrali, l-informazzjoni li tinsab f'waħda minnhom li twassal għall-esklużjoni tal-annimal equidae mill-qatla għall-konsum uman għandu jieħu preċedenza.

(55) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE ([1]) tapplika għal annimali tar-razzett, inklużi s-solipedi domestiċi, kif ukoll annimali selvaġġi ta' dawk l-ispeċi li trabbew f'azjenda. L-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva jippermetti l-kummerċ f'equidae rreġistrati li ngħataw prodotti mediċinali veterinarji li fihom trenbolone tal-allil jew il-beta-agonisti għal skopijiet żootekniċi biex isiru qabel it-tmiem tal-perjodu ta' irtirar, sakemm il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-amministrazzjoni jiġu sodisfatti u li t-tip u d-data tat-trattament jidħlu fiċ-ċertifikat jew fil-passaport li jakkumpanja dawn l-annimali.

(56) Il-punt (b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jiddefinixxi l-annimali li jipproduċu l-ikel bħala "annimali mrobbija, imkabbra, miżmuma, maqtula jew maħsudin għall-iskop li jipproduċu l-ikel". L-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li huma biss is-sustanzi farmakoloġikament attivi u li jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) ta' dak ir-Regolament li jistgħu jiġu amministrati lill-annimali li jipproduċu l-ikel fi ħdan l-Unjoni bil-kundizzjoni li dan isir f'konformità mad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(57) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/82/KE jipprovdi li prodott mediċinali veterinarju ma jistax ikun suġġett għall-awtorizzazzjoni tas-suq bl-iskop li tiġi amministrata speċi waħda jew iżjed ta' produzzjoni tal-ikel sakemm is-sustanzi farmakoloġikament attivi li fiha jiġu inklużi fl-Anness I, II jew III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90. Ir-regoli stipulati f'dawk l-Annessi issa jinsabu stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ([4]). Madankollu, permezz ta' deroga, il-prodott mediċinali veterinarju li fih sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex inklużi fl-Anness I, II jew III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 jista' jiġi awtorizzat għal annimali partikolari fil-familja tal-equidae li ġew iddikjarati, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali li mhumiex maħsuba għall-qatla għall-konsum mill-bniedem. Dawn il-prodotti mediċinali veterinarji ma jinkludu l-ebda sustanzi attivi li jidhru fl-Anness IV tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 u lanqas mhuma maħsuba għat-trattament ta' kondizzjonijiet, kif jidher fis-Sommarju awtorizzat tal-Karatteristiċi tal-Prodott, li għalihom prodott mediċinali veterinarju huwa awtorizzat għall-annimali tal-familja tal-equidae. Konsegwentement, għandhom isiru disposizzjonijiet biex l-annimal ekwin jista' jiġi eskluż mill-qatla għall-konsum mill-bniedem skont id-diskrezzjoni tas-sid tal-annimal.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li thassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-iazjenda ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

([3]) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

(58) L-Artikolu 10(2) u (3) tad-Direttiva 2001/82/KE jipprovdi għal derogi speċifiċi għall-equidae mill-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva, dwar it-trattament ta' annimali għall-produzzjoni tal-ikel bi prodotti mediċinali li għandhom limitu massimu stabbilit ta' residwi għal speċi li mhijiexx l-ispeċi fil-mira jew li huma awtorizzati għal kundizzjoni differenti, bil-kundizzjoni li dawk l-equidae jiġu identifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u jiġu mmarkati speċifikament fid-dokument ta' identifikazzjoni tagħhom bħala mhux maħsuba għall-qatla għall-konsum mill-bniedem jew bħala maħsuba għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara perjodu ta' rtirar ta' għallinqas sitt xhur wara li jkunu ġew ittrattati bis-sustanzi elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 ([1]).

(59) Skont id-Direttiva 2001/82/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sidien jew il-gwardjani ta' annimali li jipproduċu l-ikel jistgħu juru prova tax-xiri, pussess u somministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji lil dawn l-annimali għal ħames snin mis-somministrazzjoni, inkluż meta l-annimal jiġi maqtul matul il-perjodu ta' ħames snin. Għaldaqstant, huwa ta' bżonn li l-applikazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni li l-qatla ta' annimal ekwin għandu minnufih jiddaħħal fil-bażi tad-dejta ċentrali tal-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal.

(60) Sabiex jinżamm kontroll fuq il-ħruġ tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, għandha tinżamm ġabra minima ta' informazzjoni relevanti marbuta mal-ħruġ ta' dawn id-dokumenti fil-bażi tad-dejta fil-korp emittenti.

(61) Kien hemm qbil fuq livell dinji dwar is-sistema tan-Numru Universali Permanenti tal-Ekwini (UELN) bejn l-organizzazzjonijiet ewlenin tar-riproduzzjoni taż-żwiemel u tal-kompetizzjonijiet. Din is-sistema ġiet żviluppata fuq l-inizjattiva tal-World Breeding Federation for Sport Horses (WBFSH), l-International Stud-Book Committee (ISBC), il-World Arabian Horse Organization (WAHO), il-European Conference of Arabian Horse Organisations (ECAHO), il-Conférence Internationale de l'Anglo-Arabe (CIAA), il-Fédération Equestre Internationale (FEI) u l-Union Européenne du Trot (UET) u tista' tinstab informazzjoni dwarha fuq il-websajt tal-UELN ([2]).

(62) Is-sistema UELN hija xierqa għar-reġistrazzjoni kemm ta' equidae rreġistrati kif ukoll ta' equidae għar-riproduzzjoni u l-produzzjoni u tippermetti li jiġu introdotti netwerks kompjuterizzati gradwalment sabiex l-identità tal-annimali tkun tista' tkompli tiġi vverifikata skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 90/427/KEE fil-każ ta' equidae rreġistrati.

(63) Meta jiġu assenjati kodiċijiet lill-bażijiet tad-dejta, dawk il-kodiċijiet u l-format tan-numri rrekordjati ta' identifikazzjoni lil annimali individwali jkunu konformi mas-sistema stabbilita UELN. Għaldaqstant, il-lista ta' kodiċijiet assenjati ta' UELN tiġi kkonsultata qabel ma jiġi assenjat kodiċi ieħor lil bażi ta' dejta.

(64) Id-Direttiva 2009/156/KE tirrikjedi li l-veterinarju uffiċjali jżomm rekord tan-numru ta' identifikazzjoni jew tan-numru tad-dokument tal-identifikazzjoni tal-equidae maqtul u li jgħaddi lill-awtorità kompetenti tal-post tad-dispaċċ, fuq talba minn din tal-aħħar, attestazzjoni li turi li l-annimal ġie maqtul. Għaldaqstant, għandu jiġi ċċarat li f'każijiet bħal dawn id-dokumenti ta' identifikazzjoni jridu jinqerdu fil-post tat-tbiċċir biex jipprevjenu l-użu frodulenti ta' dokumenti ta' identifikazzjoni milli maqtula annimali ekwini.

(65) Dik id-Direttiva tipprovdi wkoll li wara li ż-żwiemel rreġistrati jiġu maqtula, li tinkludi l-qatla, għall-finijiet ta' kontroll ta' mard, id-dokument ta' identifikazzjoni tagħhom jingħataw lura lill-korp li ħarġuhom. Dawk ir-rekwiżiti japplikaw ukoll għad-dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġa għall-equidae rreġistrati għajr dawk iż-żwiemel irreġistrati u l-equidae għat-tnissil u l-produzzjoni.

(66) Sabiex jiġi żgurat li l-bażijiet tad-dejta ta' korpi emittenti ikollhom informazzjoni aġġornata, huwa ta' bżonn li jiġi stabbilit fluss ta' informazzjoni dwar mewt jew telf tal-annimal fil-bażi ta' dejta tal-korp li ħareġ id-dokument u fil-bażi ta' dejta ċentrali tal-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda li fiha nżamm l-annimal ekwin.

(67) Ir-reġistrazzjoni ta' numru permanenti kompatibbli mal-UELN u l-użu tiegħu biex jiġu identifikati l-awtoritajiet jew il-korpi li ħarġu d-dokument ta' identifikazzjoni, għandha tiffaċilita l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jużaw il-korpi ta' kollegament li nnominaw skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għall-kura tal-ekwidi u ta' sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 33).

([2]) http://www.ueln.net

(68) Billi r-reġistrazzjoni obbligatorja tal-applikant għal dokument ta' identifikazzjoni, li huwa, fil-limitu ta' żmien ta' inqas minn 12-il xahar wara t-twelid tal-annimal, in-nissiela u normalment is-sid tal-annimal li għalih inħareġ dokument ta' identifikazzjoni, flimkien mal-obbligu li jinnotifika lill-korp emittenti għal kull bidla ta' residenza tas-soltu tal-annimal equidae lejn Stat Membru differenti, tista' titfassal katina ta' informazzjoni biex fejn meħtieġ jintraċċaw l-annimal.

(69) Skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008, id-dettalji tal-identifikazzjoni għandhom jiġu aġġornati fid-dokument ta' identifikazzjoni mill-entità tal-ħruġ li ħarġet id-dokument. L-Istati Membri rrappurtaw ir-riluttanza ta' sidien ta' equidae li jissottomettu bil-posta d-dokument ta' identifikazzjoni lil korpi emittenti għall-aġġornament ta' dettalji ta' identifikazzjoni, iktar u iktar meta l-korp emittenti ikun jinsab barra mill-pajjiż. Din ir-riluttanza hija bbażata fuq il-biża' li jitilfu d-dokument ta' identifikazzjoni u konsegwentement li l-annimal ekwin identifikat b'dokument ta' identifikazzjoni doppju jew sostitut li jeskludi l-annimal mill-qatla għall-konsum mill-bniedem u sostanzjalment inaqqas il-valur tal-annimal.

(70) Sabiex titħaffef il-ġestjoni tad-dokument ta' identifikazzjoni tul il-ħajja tal-annimal, jeħtieġ li jiġu introdotti proċeduri għar-reġistrazzjoni tad-dokument ta' identifikazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza tas-soltu speċjalment fejn inħareġ dokument ta' identifikazzjoni fi Stat Membru differenti. Il-komunikazzjoni li hemm bżonn mal-korp emittenti li wettaq l-identifikazzjoni inizjali hija l-aħjar milħuqa permezz tal-iskambju ta' informazzjoni bejn bażijiet ta' dejta ċentrali tal-Istati Membri kkonċernati.

(71) Barra minn hekk, il-korpi emittenti jistgħu jitilfu l-approvazzjoni jew id-denominazzjoni tagħhom filwaqt li d-dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġa jibqgħu dokumenti validi għall-finijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika. Għaldaqstant hemm bżonn li tinzamm kopja ta' riserva tal-informazzjoni fid-dokument ta' identifikazzjoni permezz ta' bażi ta' dejta li hija aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika u tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali.

(72) Billi ġeneralment hemm aktar minn korp wieħed emittenti f'kull Stat Membru, l-equidae ta' spiss jiċċaqilqu bejn azjendi u bejn l-Istati Membri, huma jbiddlu l-istatus tagħhom minn "equidae għat-tnissil u l-produzzjoni" għal "equidae reġistrati" jew minn annimali li jipproduċu l-ikel għal annimali li huma esklużi mill-qatla għall-konsum uman u billi l-equidae reġistrati jistgħu jiġu identifikati minn organizzazzjoni li żżomm reġistru għaż-żwiemel tar-razza li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fi Stat Membru ieħor, huwa inevitabbli, meħtieġ u xieraq għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi 90/427/KEE u 2009/156/KE li tiġi stabbilita bażi ta' dejta ċentrali f'kull Stat Membru li fih rekords ta' dettalji ta' identifikazzjoni tal-equidae kollha miżmuma fl-azjendi li jinsabu fl-Istat Membru rispettiv.

(73) Madankollu, ikun permissibbli li dawk l-Istati Membri li stabbilixxew bażi ta' dejta unika għal equidae reġistrati u oħra għal equidae tat-tgħammir u l-produzzjoni, ikomplu joperaw sistema bħal din, bil-kundizzjoni li l-bażijiet ta' dejta jistgħu jikkomunikaw u l-awtoritajiet veterinarji jkollhom aċċess sħiħ għal kull wieħed minnhom.

(74) Għal dak l-għan, il-bażijiet tad-dejta ċentrali fl-Istati Membri differenti għandhom jikkooperaw skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/608/KEE ([1]) biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' dejta dwar l-annimal u d-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ għalih.

(75) Bil-ħsieb tal-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-identifikazzjoni tal-equidae fl-Istati Membri u biex jiġi żgurat li tkun ċara u trasparenti, ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 għandu jiġi revokat u mibdul b'dan ir-Regolament.

(76) Skont il-punt 24 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 ([2]), l-equidae li twieldu fil-Kroazja sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013 u li ma ġewx identifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 għandhom jiġu identifikati skont dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/608/KEE, tal-21 ta' Novembru 1989, dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji u żootekniċi (ĠU L 351, 2.12.1989, p. 34).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 li jadatta ċerti regolamenti u deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-moviment tal-persuni, id-dritt tal-iazjenda u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, id-dritt soċjetarju, il-politika tal-kompetizzjoni, l-agrikoltura, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, is-sajd, il-politika tat-trasport, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-istatistika, il-politika soċjali u l-impjiegi, l-ambjent, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni, kif ukoll il-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża, minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 74).

(77) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sabiex jagħti żmien lill-Istati Membri u lill-operaturi li jadattaw għar-regoli l-ġodda. Madankollu, ir-rekwiżit biex tiġi stabbilita u titħaddem bażi ta' dejta ċentrali japplika fil-Greċja, fl-Isvezja u fir-Renju Unit mill-1 ta' Lulju 2016.

(78) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf u l-Kumitat Permanenti dwar iż-Żootekniċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET, PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistipula r-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-equidae:

(a) imwielda fl-Unjoni; jew

(b) irrilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni b'mod konformi mal-proċedura doganali definita fil-punt 16(a) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 96/78/KE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "equidae" jew "annimal(i) ekwin(i)" tfisser mammali solipedi selvaġġi jew iddomestikati tal-ispeċi kollha tal-ġenus Equus tal-familja Equidae, u r-razez imħallta tagħhom;

(b) "azjenda" tfisser stabbiliment tal-agrikoltura jew tat-taħriġ, stalla jew xi fond jew faċilità li fihom l-equidae huma abitwalment miżmuna jew imrobbija, ikun xi jkun l-użu tagħhom, u r-riservi naturali li l-equidae jgħix fihom fil-libertà;

(c) "indokratur" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li għandha pussess ta', jew li hija akkużata, biż-żamma tal-equidae, sew jekk bi ħlas u sew jekk le, u sew jekk fuq bażi temporanja jew permanenti, inkluż waqt it-trasport, fis-swieq, jew waqt kompetizzjonijiet, tlielaq jew avvenimenti kulturali;

(d) "sid" tfisser il-persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu s-sidien tal-annimal ekwin;

(e) "equidae rreġistrati" tfisser kull equidae li huma:

(i) imdaħħla jew reġistrati u eleġibbli għad-dħul fir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza, skont ir-regoli stabbiliti skont l-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 90/427/KEE u identifikati permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni previst fl-Artikolu 8(1) ta' dik id-Direttiva; jew

(ii) żwiemel, inklużi poni, reġistrati ma' xi assoċazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni, li tamministra żwiemel għall-kompetizzjoni jew għat-tlielaq u identifikati permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni maħruġ mill-fergħa nazzjonali ta' dik l-assoċjazzjoni jew organizzazzjoni;

(f) "reġistru għaż-żwiemel tar-razza" tfisser kull ktieb, reġistru, fajl jew mezz ta' dejta:

(i) li huwa miżmum jew min organizzazzjoni jew assoċjazzjoni approvata uffiċjalment jew rikonoxxuta minn kull Stat Membru jew minn aġenzija uffiċjali tal-Istat Membru konċernat; u

(ii) li fih l-equidae huma mdaħħla jew reġistrati u eliġibbli għad-dħul b'referenza għall-axxendenti magħrufa kollha tagħhom;

(g) "equidae għat-tagħmir u l-produzzjoni" tfisser equidae oħrajn għajr dawk imsemmija f'punti(e) u (h);

(h) "equidae għall-qatla" tfisser equidae maħsuba sabiex jiġu trasportati direttament jew wara transitu minn suq jew ċentru ta' raggruppar approvat, imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/156/KE, lejn il-biċċerija għall-qatla;

(i) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali jew kull awtorità oħra li ngħatat dik il-kompetenza, inkluża l-awtorità kompetenti msemmija f'punt (h) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/156/KE;

(j) "awtorità żooteknika" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 90/427/KEE jew kull awtorità oħra li ngħatat dik il-kompetenza, inklużi l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 92/353/KEE;

(k) "dħul temporanju" tfisser l-istatus ta' żiemel reġistrat li ġej minn pajjiż terz u ammess fl-Unjoni għal perjodu ta' inqas minn 90 jum skont id-Deċiżjoni adottata b'mod konformi mal-punt (b) tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/156/KE;

(l) "dħul permanenti" tfsser l-istatus ta' annimal ekwin li joriġina f'pajjiż terz u importat fl-Unjoni għal perjodu ta' 90 jum jew aktar;

(m) "marka" tfisser kull karatteristika viżibbli jew viżwalizzata ta' annimal ekwin individwali, li jkun jew intiret jew akkwistat, u reġistrat għal skopijiet ta' identifikazzjoni;

(n) "transponder" tfisser apparat passiv, li jinqara biss, għall-identifikazzjoni tal-frekwenzi tar-radju:

(i) li jikkonforma mal-istandard ISO 11784 u li japplika t-teknoloġija "Full Duplex" (FDX jew FDX-B) jew "Half Duplex" (HDX); u

(ii) li kapaċi jinqara minn apparat tal-qari kompatibbli mal-istandard ISO 11785, f'distanza minima ta' 12 cm;

(o) "numru permanenti uniku" tfisser kodiċi alfanumeriku uniku ta' 15-il ċifra li jiġbor informazzjoni dwar l-annimali ekwin individwali u l-bażi ta' dejta u l-pajjiż fejn din l-informazzjoni tkun ġiet irreġistrata l-ewwel darba skont is-sistema ta' kodifikar tan-Numru Universali Permanenti tal-Ekwini (UELN) u li tinkludi:

(i) kodiċi ta' identifikazzjoni b'sitt ċifri kompatibbli ma' UELN għall-bażi ta' dejta msemmija fl-Artikolu 39; segwit minn

(ii) numru ta' identifikazzjoni għalih waħdu ta' disa' ċifri assenjat lill-annimal ekwin;

(p) "Stat Membru ħieles mill-marda Afrikana taż-żwiemel" tfisser:

(i) kull Stat Membru li fih ma kien hemm l-ebda evidenza klinika, seroloġika (fl-equidae mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel fit-territorju kkonċernat fl-aħħar sentejn; u

(ii) fejn ma kien hemm l-ebda tilqim kontra dik il-marda matul it-12-il xahar preċedenti;

(q) "mard li għandu jiġi nnotifikat" tfisser mard imniżżel fl-Anness I tad-Direttiva 2009/156/KE;

(r) "veterinarju uffiċjali" tfisser li l-veterinarju nnominat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz;

(s) "smart card" tfisser apparat tal-plastik b'ċippa tal-kompjuter integrata li kapaċi taħżen id-dejta u tittrażmettiha elettronikament lil sistemi kompatibbli tal-kompjuter;

(t) "veterinarju responsabbli" tfisser il-veterinarju msemmi skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE.

Artikolu 3

Prinċipji ġenerali u obbligu għall-identifikazzjoni tal-equidae

1. L-equidae li jgħixu f'wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandhom jiġu identifikati skont dan ir-Regolament.

2. Meta l-indokratur ma jkunx sid jew wieħed mis-sidien tal-annimal ekwin, għandu jaġixxi skont dan ir-Regolament f'isem u fi ftehim mas-sid.

3. L-Istati Membri u l-kopri emittenti msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u fl-Artikolu 5(1)(b) jistgħu jitolbu li l-applikazzjoni ta' korp emittenti jikiseb dokument ta' identifikazzjoni kif previst fl-Artikolu 11 jew li jimmodifikaw id-dettalji ta' identifikazzjoni f'dokument ta' identifikazzjoni eżistenti kif previst fl-Artikolu 27 u li trid tiġi sottomessa mis-sid.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn xieraq permezz ta' kontrolli uffiċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004, li l-indokraturi ta' annimali ekwini u l-korpi emittenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Is-sistema tal-Unjoni għal identifikazzjoni ekwina

1. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, is-sistema tal-Unjoni għall-identifikazzjoni tal-equidae tiġi magħmula mill-elementi li ġejjin:

(a) dokument ta' identifikazzjoni permanenti li, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor mill-korp emittenti jew previst f'dan ir-Regolament, jibqgħu proprjetà tal-korp emittenti li jkun ħariġha, u li jkun fih:

(i) narrattiva li tiddeskrivi l-annimal ekwin u r-reġistrazzjoni tal-marki;

(ii) id-dijagramma inkluża kompluta turi l-marki reġistrati fin-narrattiva;

(iii) spazju għal dħul awtorizzat li jiddeskrivi l-modifikazzjonijiet għad-dettalji tal-identifikazzjoni;

(b) metodu ta' verifika tal-identità li:

(i) jiżgura rabta inekwivokabbli bejn id-dokument ta' identifikazzjoni u l-annimal ekwin li għalih inħareġ id-dokument;

(ii) turi li dak l-annimal ekwin diġà għadda minn proċess ta' identifikazzjoni;

(c) bażi tad-dejta ta' reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 38, id-dettalji ta' identifikazzjoni dwar l-annimal ekwin li għalih inħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni u l-indokratur li ppreżenta l-applikazzjoni għad-dokument tal-identifikazzjoni u li fl-istess ħin jiġi assenjat in-numru permanenti uniku l-annimal;

(d) bażi ta' dejta ċentrali b'mod konformi mal-Artikolu 39.

2. B'mod konformi mar-Regolament, l-annimal ekwin jitqies biss li jiġi identifikat meta jiġi:

(a) akkumpanjat minn dokument tal-identifikazzjoni maħruġ f'konformità ma' waħda mid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-Artikolu 9, għal equidae mwielda fl-Unjoni; jew

(ii) l-Artikolu 14, għal equidae importati fl-Unjoni; jew

(iii) l-Artikolu 29 jew 30 meta akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni duplikat; jew

(iv) l-Artikolu 32 meta jiġi akkumpanjat minn dokument ta' identifikazzjoni sostitut; jew

(b) identifikat b'mod konformi ma':

(i) l-Artikolu 24, għal derogi għal movimenti jew it-trasport tal-equidae akkumpanjati minn dokument temporanju; jew

(ii) l-Artikolu 26(2), għal derogi ta' ċerti movimenti u trasport ta' equidae għall-qatla.

KAPITOLU II

IDENTIFIKAZZJONI TA' EQUIDAE MWIELDA FL-UNJONI

Artikolu 5

Kopri emittenti għal equidae mwielda fl-Unjoni

1. Id-dokument ta' identifikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 7 għandu jinħareġ minn wieħed minn dawn il-korpi emittenti:

(a) għal equidae reġistrati msemmija fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, minn organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li hija uffiċjalment approvata jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 92/353/KEE, jew minn aġenzija uffiċjali ta' Stat Membru, li jmexxi r-reġistru għaż-żwiemel tar-razza li fih l-annimal ekwin ikun iddaħħal jew ġie rreġistrat u huwa eliġibbli għad-dħul skont id-Deċiżjoni 96/78/KE;

(b) għal żwiemel reġistrati msemmija fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 2, permezz ta' fergħa nazzjonali ta' organizzazzjoni internazzjonali jew assoċjazzjoni, li tamministra ż-żwiemel għal kompetizzjoni jew tiġrija, b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha l-kwartieri ġenerali tagħha;

(c) għal equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni msemmija f'punt (g) tal-Artikolu 2, minn:

(i) awtorità kompetenti tal-azjenda fejn jinżamm l-annimal ekwin fil-mument tal-identifikazzjoni tiegħu; jew

(ii) korp emittenti nominat u sorveljat mill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (i) li lilha ġie delegat dan il-kompitu.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħżel biss l-entitajiet emittenti msemmija fil-paragrafu 1(c)(ii) li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandu jkun hemm deskrizzjoni preċiża tal-kompiti u r-responsabbiltajiet li l-entità emittenti hemm bżonn li twettaq u l-kondizzjonijiet li fihom jista' jwettaqhom;

(b) għandu jkun hemm prova li l-entità emittenti:

(i) għandu l-esperjenza, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-kompiti delegati lilu;

(ii) għandu numru suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat u b'esperjenza kif xieraq;

(iii) huwa imparzjali u ħieles minn kull kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti delegati lilu;

(iv) ikollu mudell ta' dokument ta' identifikazzjoni li jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament;

(c) il-korp emittenti għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtorità kompetenti biex jipprevjeni u fejn meħtieġ jirrimedja kull każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(d) ikun hemm koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtorità kompetenti u l-korp emittenti nnominat.

3. Meta l-awtorità kompetenti jkollha raġunijiet raġonevoli li tikkonkludi li entità emittenti tinvolvi ruħha f'atti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha tinvestiga dawn l-atti suspettati ta' nuqqas ta' konformità. Id-dokumenti ta' identifikazzjoni ma jistgħux jinħarġu mill-korp emittenti sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni u kull każ ta' nuqqas ta' konformità li tiġi mwarrba jew rimedjata.

4. Meta, minkejja l-miżuri mwettqa skont il-paragrafu 3, entità emittenti msemmija fil-paragrafu 1 tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni li toħroġ dokumenti ta' identifikazzjoni għall-equidae.

Wara l-irtirar tal-awtorizzazzjoni biex jinħarġu dokumenti ta' identifikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-equidae taħt ir-responsabbiltà tagħha jibqgħu jiġu identifikati skont dan ir-Regolament u li d-dokumenti ta' identifikazzjoni ritornati lura jew li jirritornaw lura skont l-Artikolu 34, jittieħdu f'kustodja ta' dik l-awtorità kompetenti jew entità emittenti li lilha jkun ġie delegat dan il-kompitu mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 6

Informazzjoni dwar il-korpi emittenti

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jżommu aġġornata l-lista ta' entitajiet emittenti skont l-Artikolu 5(1) u jagħmlu din il-lista disponibbli għall-Istati Membri l-oħra, il-korpi emittenti l-oħra u l-pubbliku fuq websajt stabbilita minn awtorità kompetenti.

2. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tinkludi d-dettalji ta' kuntatt li hemm bżonn biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 35 u l-Artikoli 37(4), 38(3) u 40(1);

(b) tikkonforma ma' mudell stabbilit fil-punt (f) tat-Taqsima I fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/712/KE u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni;

(c) tkun direttament aċċessibbli permezz ta' ħolqa tal-Internet ipprovduta lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 u tkun tinftiehembiżżejjed mal-kelliema mhux nattivi.

3. Sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jagħmlu dawk il-listi aġġornati disponibbli kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi websajt li għaliha kull Stat Membru għandu jipprovdi ħolqa diretta għall-informazzjoni li hemm bżonn fil-websajt prevista fil-paragrafu 1.

Artikolu 7

Il-format u l-kontenut ta' dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae mwielda fl-Unjoni

1. L-equidae mwielda fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni wieħed għall-equidae maħruġ għat-tul ta' ħajja tal-annimal ekwini skont:

(a) il-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness I;

(b) ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

2. Il-korpi emittenti għandhom jiżguraw li d-dokument ta' identifikazzjoni jinkludi numru suffiċjenti ta' paġni b'oqsma tal-formola biex tiddaħħal l-informazzjoni li hemm bżonn skont it-Taqsimiet li ġejjin kif stipulata fil-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni fil-Parti 1 tal-Anness I:

(a) fil-każ ta' equidae reġistrati, għallinqas it-Taqsimiet I sa IX;

(b) fil-każ ta' equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni, għallinqas it-Taqsimiet I sa IV.

3. Il-korpi emittenti għandhom jiżguraw li l-ordni u n-numerazzjoni tat-Taqsimiet fid-dokumenti ta' identifikazzjoni kif stipulati fil-Parti 1 tal-Anness I jinbidlux u li għal dawk it-Taqsimiet li jipprovdu l-ispazju għal għadd ta' entrati, ġie inkluż numru ta' paġni biżżejjed fid-dokument ta' identifikazzjoni.

4. Il-korpi emittenti huma responsabbli għal ġestjoni sikura ta' dokumenti tal-identifikazzjoni vojta u mimlija fil-bini tagħhom.

Meta, minħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(1)(a), ir-regoli ta' proċedura ta' korp emittenti jippermettu dan, il-korpi emittenti għandhom jiżguraw li dokumenti ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1)(c)(ii) u l-Artikolu 35 ġew effettivament invalidati sabiex jipprevjenu kull użu frodulenti tad-dokument innifsu u l-informazzjoni li fih, qabel ma d-dokument jingħata lill-proprjetarju b'tifkira tal-annimal.

5. L-awtorità kompetenti flimkien mal-awtorità żooteknika tista' tadotta proċeduri amministrattivi sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni tal-format tad-dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġa minn korpi emittenti imsemmija fl-Artikolu 5(1) taħt is-superviżjoni tagħhom, sakemm ir-rekwiżiti ġenerali fil-paragrafi 1, 2 u 3 jiġu rrispettati.

Artikolu 8

Obbligi tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-ħruġ tad-dokumenti tal-identifikazzjoni għal equidae mwielda fl-Unjoni

L-awtorità żooteknika u l-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li fit-territorju tagħhom l-korpi emittenti taħt ir-responsabbiltà rispettiva tagħhom:

(a) joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni li huma konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 7(1), (2) u (3);

(b) meta mitluba mill-awtorità kompetenti, ikollhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ biex jivverifikaw jekk dokument ta' identifikazzjoni ddikjarat li għandu jiġi maħruġ minnhom:

(i) huwa uniku, ġenwin u awtentiku;

(ii) jinkludi, fejn id-dokumenti ta' identifikazzjoni vojta jiġu stampati fuq l-istokk, in-numru tas-serje stampat mill-inqas fuq il-paġni li fihom is-Sezzjonijiet I, II u III tad-dokument ta' identifikazzjoni.

Artikolu 9

Il-ħruġ ta' dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae mwielda fl-Unjoni

1. Il-korpi emittenti għandhom joħorġu biss dokumenti ta' identifikazzjoni li:

(a) huma konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1), (2) u (3);

(b) għandhom it-Taqsima I tiegħu kif suppost b'informazzjoni verifikata minn jew f'isem il-korp emittenti indikat fil-punt 11 tal-Parti A tat-Taqsima I;

(c) għandhom it-Taqsima IV tiegħu kompluta, jekk meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew mir-regoli u r-regolamenti tal-korp emittenti msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 5(1);

(d) għandhom it-Taqsima V tiegħu mimlija skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) għandu jidentifika equidae reġistrati msemmija fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 2 skont ir-regoli tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza msemmi f'dik id-dispożizzjoni u jimla fit-Taqsima V tad-dokument ta' identifikazzjoni l-informazzjoni fiċ-ċertifikat tal-oriġini msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 90/427/KEE u fl-Anness tagħha.

3. Skont il-prinċipji tal-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni li stabbilixxiet ir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza tal-oriġini tat-tgħammir tal-annimal ekwin reġistrat, it-Taqsima V tad-dokument ta' identifikazzjoni għandu jkun fih:

(a) l-informazzjoni kollha dwar ir-razza;

(b) it-taqsima tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza msemmija fl-Artikolu 2 jew 3 tad-Deċiżjoni 96/78/KE;

(c) fejn stabbilita, il-klassi tat-taqsima ewlenija tar-reġistru għaż-żwiemel tar-razza li fih iddaħħal l-annimal equidae rreġistrat.

4. Għar-reġistrazzjoni ta' żiemel għall-kompetizzjoni jew għat-tlielaq, kif imsemmi fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 2, il-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1)(b) għandu jew:

(a) joħroġ b'mod konformi mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 u r-regoli ta' dak il-korp emittenti, dokument ta' identifikazzjoni li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 7; jew

(b) jirrikonoxxu u jivvalidaw id-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ għal dak iż-żiemel skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu; jew

(c) joħorġu dokument ta' identifikazzjoni ġdid skont l-Artikolu 12(3)(c).

Artikolu 10

Id-Deroga mit-tlestija ta' ċerta informazzjoni f' Sezzjonijiet I u IV tad-dokument ta' identifikazzjoni

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(1)(a)(ii) u l-Artikolu 9(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-korpi emittenti biex ma jimlewx l-informazzjoni pprovduta msemmija fil-punti 12 sa 18 tad-dijagramma tad-dokument ta' identifikazzjoni stabbilita fil-Parti B tat-Taqsima I tal-Anness I, sakemm jiġu ssodisfati dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-transponder jiġi impjantat skont l-Artikolu 18, jew jiġi applikat metodu alternattiv awtorizzat u ekwivalenti ta' verifika tal-identità skont l-Artikolu 21;

(b) ritratt jew stampa li turi biżżejjed dettalji biex tingħata stampa tal-annimal ekwin.

2. Il-korpi emittenti msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) jistgħu:

(a) ma jagħmlux id-deroga mogħtija skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) jadattaw id-dokumenti tal-identifikazzjoni maħruġa skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(1);

3. B'deroga mill-Artikolu 9(1)(c), l-informazzjoni dwar is-sid tista' tingħata fil-format ta' ċertifikat ta' propjetà personali jew ta' karta ta' reġistrazzjoni rreġistrati fil-bażi ta' dejta stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38 li tirreferi għal:

(a) in-numru permanenti tal-annimal ekwin;

(b) in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni, meta japplika, u l-kodiċi ta' transponder jew metodu alternattiv awtorizzat ta' verifika ta' identità b'mod konformi mal-Artikolu 21.

Iċ-ċertifikat tas-sjieda jew karta ta' reġistrazzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata lura lill-korp emittenti jekk l-annimal ikun miet jew ġie mibjugħ, mitluf, misruq, imbiċċer jew maqtul.

Artikolu 11

L-applikazzjonijiet għal dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae mwielda fl-Unjoni

1. Dawk li jrabbu l-annimali jissottomettu applikazzjoni għal dokumenti ta' identifikazzjoni għall-equidae mwielda fl-Unjoni lill-korp emittenti xieraq fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal equidae, u għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meħtieġa biex jikkonformaw mal-iskadenza għall-identifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 13(1).

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u b'mod konformi mal-Artikolu 1 tad- Deċiżjoni 96/78/KE, l-indokratur jista' jissottometti l-applikazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-korp emittenti xieraq kif imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn tkun tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin.

Artikolu 12

Skadenza għall-identifikazzjoni ta' equidae mwielda fl-Unjoni

1. L-equidae mwielda fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati permezz ta' dokument tal-identifikazzjoni maħruġ skont l-Artikolu 9 sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tat-twelid u f'kull każ qabel ma jitilqu b'mod permanenti mill-azjenda tat-twelid, ħlief fejn dan il-moviment iseħħ skont l-Artikolu 23(2)(c) bħala felu mis-saqajn tal-omm li minnhom jiddependi l-felu jew b'mod konformi mal-Artikolu 26(2).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jillimitaw il-perjodu massimu permess għall-identifikazzjoni tal-annimal ekwin għal sitt xhur jew għas-sena kalendarja tat-twelid.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, jista' jinħareġ dokument ta' identifikazzjoni ġdid b'mod konformi mal- Artikolu 9 f'kull ħin:

(a) fuq talba ta' jew mill-awtorità kompetenti, meta d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1), (2) u (3) jew ċerti dettalji ta' identifikazzjoni stabbiliti fit-Taqsima I, II jew V ma jkunux ġew imdaħħla b'mod preċiż mill-korp emittenti; jew

(b) meta annimal ekwin għat-tgħammir u l-produzzjoni jiġi rivalutat bħala annimal ekwin irreġistrat b'mod konformi mar-regoli tal-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) u d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti ma jistgħux jiġu adattati skont dan; jew

(c) meta żiemel jiġi rivalutat jew irreġistrat bħala żiemel irreġistrat kif imsemmi fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 2 b'mod konformi mar-regoli tal-korp emittenti msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) u d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti ma jistax jiġi adattat skont dan; jew

(d) fejn dokument ta' identifikazzjoni jinħareġ skont l-Artikolu 10(1) u ma jistax jiġi adattat għar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1) skont l-Artikolu 10(2)(b); jew

(e) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 18(4) u (5) u d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti ma jistax jiġi adattat skont dan; jew

(f) meta d-dokument ta' identifikazzjoni jiġi kkonfiskat mill-awtorità kompetenti fil-kuntest ta' investigazzjoni.

Fil-każijiet deskritti fl-ewwel subparagrafu, id-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti għandu jingħata lill-korp emittenti biex jiġi invalidat u l-invalidazzjoni ta' dokument ta' identifikazzjoni eżistenti u l-ħruġ tad-dokument ta' identifikazzjoni ġdid għandu jiġu reġistrati fil-bażi ta' dejta stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38.

Artikolu 13

Derogi dwar l-identifikazzjoni ta' ċerti equidae li jgħixu f'kundizzjonijiet selvaġġi jew semi-selvaġġi

1. B'deroga mill-Artikolu 12, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-equidae li għandhom popolazzjonijiet definiti u li jgħixu f'kundizzjonijiet selvaġġi jew semi-selvaġġi f'ċerti żoni, li għandhom jiġu definiti mill-awtorità kompetenti, għandhom jiġu identifikati permezz tad-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ skont l-Artikolu 9 jew l-Artikolu 17(4) biss meta jkunu:

(a) imneħħija minn tali popolazzjonijiet, fejn jeskludu t-trasferiment taħt superviżjoni uffiċjali minn popolazzjoni definita għall-oħra; jew

(b) jitpoġġew f'użu domestiku.

2. L-Istati Membri li beħsiebhom jagħmlu użu tad-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandhom javżaw lill-Kummissjoni, b'referenza għal dan l-Artikolu, bil-popolazzjonijiet u ż-żoni kkonċernati li jiġu definiti skont il-paragrafu 1 qabel jagħmlu użu minn dik id-deroga.

KAPITOLU III

IDENTIFIKAZZJONI TA' EQUIDAE IMPORTATI FL-UNJONI

Artikolu 14

Identifikazzjoni ta' equidae importati fl-Unjoni

Id-dokumenti tal-identifikazzjoni maħruġa f'pajjiżi terzi għandhom jitqiesu validi skont dan ir-Regolament sakemm ikunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) inħarġu:

(i) fil-każ ta' equidae reġistrati, minn korp f'pajjiż terz, inkluż fil-lista provduta fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/28/KE, li joħorġu ċertifikati tar-razza; jew

(ii) fil-każ ta' żiemel reġistrat, minn fergħa nazzjonali ta' organizzazzjoni internazzjonali jew assoċjazzjoni li tamministra ż-żwiemel għal kompetizzjoni jew tiġrija fil-kwartieri tagħha fil-pajjiż terz tal-organizzazzjoni internazzjonali jew assoċjazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b); jew

(iii) fil-każijiet l-oħra kollha mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini tal-annimal ekwin;

(b) huma konformi mar-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 7(2).

Artikolu 15

L-applikazzjonijiet ta' dokumenti ta' identifikazzjoni għal equidae importati fl-Unjoni

1. L-indokratur ta' annimal ekwin għandu japplika għall-korp emittenti skont l-Artikolu 5(1) xieraq għall-kategorija tal-annimal ekwin għall-ħruġ b'mod konformi mal-Artikolu 9 tad-dokument ta' identifikazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 7, jew għar-reġistrazzjoni tad-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti fil-bażi ta' dejta minn korp emittenti b'mod konformi mal-Artikolu 38 ta' dan ir-Regolament, fi żmien 30 jum mid-data tat-tlestija tal-proċedura doganali, skont l-Artikolu 5(16)(a) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, fejn:

(a) l-equidae jiġu importati fl-Unjoni; jew

(b) l-awtorità kompetenti kkonvertiet id-dħul temporanju ta' żiemel irreġistrat b'mod konformi mad-Deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/156/KE, fi dħul permanenti b'mod konformi mal-punt (c) tal-Artikolu 19 ta' dik id-Direttiva.

2. Meta d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2), l-entità tal-ħruġ għandha, fuq talba tal-indokratur:

(a) timla d-dokument ta' identifikazzjoni, sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2);

(b) iżżomm rekord tad-dettalji ta' identifikazzjoni tal-annimal ekwin u l-informazzjoni komplementarja fil-bażi ta' dejta stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38.

3. Meta d-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma jistax jiġi emendat biex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx jitqiesu validi għal skopijiet ta' identifikazzjoni b'mod konformi ma' dan ir-Regolament, u l-annimal ekwin għandu jiġi identifikat skont l-Artikolu 9a, billi joħroġ dokument ta' identifikazzjoni ġdid f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1), (2) u (3), abbażi tad-dokument ta' identifikazzjoni ppreżentat li għandu tal-anqas jipprovdi l-informazzjoni stipulata fl-Anness tad-Direttiva 90/427/KEE.

KAPITOLU IV

KONTROLLI MEĦTIEĠA QABEL IL-ĦRUĠ TAD-DOKUMENTI TA' IDENTIFIKAZZJONI METODI ELETTRONIĊI TA' VERIFIKA TAL-IDENTITÀ

Artikolu 16

Verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni singoli għall-equidae

1. Qabel jinħareġ dokument ta' identifikazzjoni, l-entità tal-ħruġ jew il-persuna li taġixxi f'isimha, għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa biex:

(a) tivverifika li ebda dokument ta' identifikazzjoni ma nħareġ diġà għall-annimal ekwin ikkonċernat;

(b) tipprevjeni l-ħruġ qarrieqi ta' dokumenti ta' identifikazzjoni multipli għal annimal ekwin individwali.

2. Il-miżuri stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) il-konsultazzjoni tad-dokumentazzjoni xierqa u r-rekords elettroniċi disponibbli;

(b) l-estimazzjoni tal-età tal-annimal ekwin;

(c) li l-annimal ekwin jiġi ċċekjat, kif previst fl-Artikolu 17, għal sinjali jew marki indikattivi ta' xi identifikazzjoni preċedenti.

Artikolu 17

Miżuri għall-individwazzjoni ta' identifikazzjoni preċedenti tal-equidae

1. Il-miżuri biex tiġi individwata l-possibbiltà ta' sinjali jew marki indikattivi ta' identifikazzjoni preċedenti, kif previst fl-Artikolu 16, għandhom għallinqas jinkludu miżuri għall-individwazzjoni ta':

(a) kull transponder li kien impjantat qabel, permezz ta' apparat tal-qari konformi mal-istandard ISO 11785 u li kapaċi għallinqas jaqra transponders HDX u FDX-B meta l-apparat tal-qari jkun f'kuntatt dirett mal-wiċċ tal-ġisem fil-post fejn f'ċirkostanzi normali jiġi impjantat transponder;

(b) kull sinjal kliniku li jindika li transponder li ġie impjantat qabel jew marka applikata qabel skont l-Artikolu 21 tkun tneħħiet b'mod kirurġiku jew inbidlet;

(c) kull sinjal jew indikazzjoni li metodu alternattiv ta' verifika tal-identità tal-annimal ekwin ġie applikat skont l-Artikolu 21.

2. Meta, wara l-applikazzjoni mill-indokratur b'mod konformi mal-Artikolu 11(1), il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiżvelaw l-eżistenza ta' transponder li kien ġie impjantat preċedentement, jew kull metodu alternattiv ta' verifika tal-identità applikat skont l-Artikolu 21 indikattiv ta' xi identifikazzjoni preċedenti mimlija skont l-Artikolu 9, il-korp emittenti għandu:

(a) joħroġ dokument ta' identifikazzjoni duplikat jew sostitut skont l-Artikolu 29 jew 32, skont l-informazzjoni disponibbli;

(b) jdaħħal dan it-tagħrif, i.e. in-numru tat-transponder jew il-metodu alternattiv ta' verifika tal-identità, b'mod xieraq fl-oqsma tal-formola ta' parti A u d-dijagramma fil-Parti B tat-Taqsima I tad-dokument ta' identifikazzjoni.

3. Meta t-tneħħija mhux dokumentata ta' transponder jew metodu alternattiv ta' verifika tal-identita msemmi fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu tiġi kkonfermata f'annimal ekwin imwieled fl-Unjoni, il-korp emittenti għandu joħroġ dokument ta' identifikazzjoni sostitut b'mod konformi mal-Artikolu 32.

4. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-ħruġ ta' dokument ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 9 għal equidae li jgħixu f'kundizzjonijiet selvaġġi jew semi-selvaġġi msemmija fl-Artikolu 13 li jkollhom transponder iżda li għalihom, b'mod konformi mal-Artikolu 13, ebda dokument ta' identifikazzjoni ma nħareġ, sakemm il-kodiċi tat-transponder ġie rrekordjat fil-ħin ta' impjantazzjoni fil-bażi ta' dejta tal-korp emittenti responsabbli għal dik il-popolazzjoni ta' equidae.

Artikolu 18

Metodi elettroniċi ta' verifika tal-identità

1. Il-korp emittenti għandu jiżgura li fil-waqt li jiġi identifikat l-ewwel skont l-Artikolu 12, it-transponder jiġi impjantat fl-annimal ekwin.

2. It-transponder għandu jiġi impjantat parenteralment f'kundizzjonijiet aseptiċi bejn il-poll u l-gerista f'nofs l-għonq fiż-żona tal-ligament ta' raqbet l-għonq.

Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-impjantazzjoni ta' transponder f'post differenti fuq l-għonq tal-annimal equidae, sakemm din l-impjantazzjoni alternattiva ma:

(a) tikkompromettix it-trattament xieraq tal-annimal ekwin;

(b) ma żżidx ir-riskju tal-migrazzjoni tat-transponder meta mqabbel mal-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-kwalifika minima rikjesta għall-intervent ipprovduta fil-paragrafu 2 jew fil-ħatra tal-persuna ("il-persuna kwalifikata") jew il-professjoni fdata b'dawn l-operazzjonijiet.

4. L-korpi emittenti imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) jistgħu jitolbu li annimali ekwini li kienu identifikati permezz ta' metodu alternattiv ta' verifika tal-identità previsti fl-Artikolu 21 għandhom jiġu mmarkati bl-impjantazzjoni ta' transponder għall-fini tad-dħul jew tar-reġistrazzjoni tal-equidae fir-reġistru għaż-żwiemel tar-razza jew ir-reġistrazzjoni ta' żwiemel reġistrati għal skopijiet ta' kompetizzjoni.

5. Il-korpi emittenti msemmija fl-Artikolu 5(1) u l-awtorità kompetenti jistgħu jitolbu li l-annimali ekwini meqjusa li huma identifikati skont l-Artikoli 4(2) u 43(1), għandhom ikunu mmarkati bl-implantazzjoni ta' transponder għall-iskop ta' verifika tal-identità f'każijiet fejn:

(a) it-transponders li kienu impjantati qabel u rreġistrati waqfu jaħdmu;

(b) il-marka mirgħuta jew miksuba mniżżla bħala l-metodu alternattiv ta' verifika tal-identità skont l-Artikolu 21 ma tibqax adattata għal dak l-għan; jew

(c) l-awtorità kompetenti tikkunsidra li huwa meħtieġ li tiżgura verifika tal-identità.

Artikolu 19

Ġestjoni ta' natura unika tal-kodiċi muri minn transponder

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli, skont l-istandards imsemmija fil-punt (n)(i) tal-Artikolu 2, biex jiżguraw l-uniċità tal-kodiċi murija mit-transponders impjantati minn korpi emittenti imsemmija fl-Artikolu 5(1) meta joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 9.

2. Ir-regoli stipulati skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu applikati mingħajr ma jikkompromettu s-sistema ta' identifikazzjoni stabbilita mill-entità tal-ħruġ fi Stat Membru ieħor li għamlet l-identifikazzjoni ta' annimal ekwin irreġistrat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 20

Reġistrazzjoni tal-kodiċi tat-transponder fid-dokument ta' identifikazzjoni

1. Meta transponder jiġi impjantat skont l-Artikolu 18, l-entità tal-ħruġ għandha ddaħħal l-informazzjoni li ġejja fid-dokument ta' identifikazzjoni:

(a) fil-punt 5 tal-Parti A tat-Taqsima I, mill-inqas 15-il ċifra tal-kodiċi trażmess mit-transponder u muri mill-qarrej wara l-impjantazzjoni; u fejn jixraq:

   (i) tikketta b'bar code li teħel waħidha, dment li l-paġna tiġi ssiġillata wara; jew

   (ii) verżjoni stampata tal-bar-code li jikkodifika mill-inqas dawk l-aħħar 15-il ċifra tal-kodiċi trażmessi mit-transponder;

(b) fil-punt 12 jew 13, id-dijagramma fil-Parti B tat-Taqsima I, skont liema naħa jkun ġie impjantat it-transponder, il-post fejn it-transponder ġie impjantat fl-annimal ekwin u meta jinqara wara l-impjantazzjoni tiegħu;

(c) fil-punt 19 tad-dijagramma fil-Parti B tat-Taqsima I, il-firma tal-veterinarju jew tal-persuna kwalifikata li jew wettqet l-identifikazzjoni billi mliet il-punt 3 tal-Parti A u d-dijagramma fil-Parti B tat-Taqsima I u qrat il-kodiċi tat-transponder wara l-implimentazzjoni tiegħu, jew tal-persuna li tirriproduċi din l-informazzjoni għall-għan li jinħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni skont ir-regoli tal-korp emittenti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu, meta l-annimal ekwin jiġi mmarkat b'transponder li ġie impjantat qabel li ma jikkonformax mal-istandrds tal-ISO previsti fil-punt (n)(i) tal-Artikolu 2, l-isem tal-manifattur jew is-sistema tal-qari għandha tiddaħħal fil-punt 5 tal-Parti A tat-Taqsima I fid-dokument ta' identifikazzjoni.

Artikolu 21

Awtorizzazzjoni ta' metodi alternattivi ta' verifika tal-identità

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 18(1), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw metodi alternattivi adattati ta' verifika tal-identità ta' equidae mwielda fl-Unjoni, inklużi marki, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1)(b) u li jiżguraw li l-identità tal-annimal ewkin irreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni tista' tiġi vverifikata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-metodi alternattivi ta' verifika tal-identità tal-equidae ma jintużawx bħala l-uniku mezz ta' verifika tal-identità tal-maġġoranza tal-equidae identifikati b'mod konformi ma' dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom;

(b) il-marki viżibbli applikati lill-equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni ma jistgħux jiġu konfużi ma' dawk riservati fit-territorju tagħhom għall-użu mill-korpi emittenti previsti fl-Artikolu 5(1)(a) dwar l-equidae reġistrati;

(c) kull metodu alternattiv awtorizzat ta' verifika tal-identità jew kull kombinazzjoni ta' dawn il-metodi jwasslu mill-anqas l-istess garanziji bħat-transponder impjantat b'mod konformi mal-Artikolu 18;

(d) l-informazzjoni dwar il-metodu alternattiv ta' verifika tal-identità applikat għal annimal ekwin wieħed tista' tiġi deskritta b'mod li tista' tiġi diġitalizzata u maħżuna b'mod li tista' titfittex f'bażi ta' dejta stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38.

3. L-Istati Membri li beħsiebhom jagħmlu użu mid-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu dan it-tagħrif fil-metodi alternattivi tal-awtorità tal-identità ta' verifika disponibbli għall-Kummissjoni, għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 6(1).

Artikolu 22

Obbligi ta' korpi emittenti u indokraturi li jużaw metodi alternattivi ta' verfika tal-identità

1. L-entità tal-hruġ għandha tiżgura li ebda dokument ta' identifikazzjoni ma jinħareġ għal annimal ekwin, sakemm:

(a) ma tkunx ġiet iċċekkjata l-applikazzjoni korretta tal-metodu alternattiv awtorizzat tal-verifika ta' identità msemmija fl-Artikolu 21;

(b) il-metodu użat għal verifika tal-identità ma jiddaħħalx fil-punt 6 jew 7 tal-Parti A tat-Taqsima I, jew fejn applikabbli fit-Taqsima XI, tad-dokument ta' identifikazzjoni u ma jiġix irreġistrat fil-bażi ta' dejta b'mod konformi mal-Artikolu 38(1)(f).

2. Meta jintuża metodu alternattiv ta' verifika tal-identità, l-indokratur għandu jipprovdi l-mezz tal-aċċess għal dik l-informazzjoni ta' identifikazzjoni jew għandu, jekk ikun il-każ, iġarrab l-ispejjeż jew jaċċetta d-dewmien tal-verifika ta' identità tal-annimal ekwin.

KAPITOLU V

MOVIMENT U TRASPORT TAL-EQUIDAE

Artikolu 23

Moviment u trasport ta' equidae reġistrati għat-tgħammir u l-produzzjoni

1. Id-dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġa għal equidae rreġistrati jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 9(1), l-Artikolu 14, l-Artikolu 29, l-Artikolu 30 jew l-Artikolu 32 għandhom jakkumpanjaw dawk l-equidae li għalihom ikunu nħarġu f'kull ħin, inkluż, fejn meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, matul it-trasport tal-karkassa tal-annimal ekwin għall-ipproċessar fi azjenda approvat skont il-punt (a) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jew imsemmi fil-punt (a)(iii) tal-Kapitolu III tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dokument ta' identifikazzjoni ma għandux ikun hemm bżonn li jakkumpanja equidae reġistrati jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni meta jkunu:

(a) fl-istalla jew fil-mergħa, u d-dokument ta' identifikazzjoni jista' jiġi ppreżentat minghajr dewmien mill-indokratur;

(b) temporanjament mirkuba, misjuq, imwassla jew meħuda:

(i) fil-viċinanza tal-azjenda fi ħdan Stat Membru sabiex id-dokument ta' identifikazzjoni jkun jista' jiġi ppreżenatat mingħajr dewmien; jew

(ii) waqt it-transumanza ta' equidae lejn u lil ħinn minn mergħa tas-sajf irreġistrata dejjem jekk id-dokumenti ta' identifikazzjoni jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fl-azjenda tat-tluq;

(c) ma jkunux miftuma u jakkumpanjaw lill-ommhom jew lill-omm adottiva;

(d) ikunu qed jieħdu sehem f'taħriġ jew test ta' kompetizzjoni jew avveniment ekwestri li jirrikjedihom joħorġu temporanjament mill-post tat-taħriġ, tal-kompetizzjoni jew tal-avveniment;

(e) ikunu mċaqilqa jew ittrasportati f'sitwazzjoni ta' emerġenza marbuta mal-annimali ekwini nfushom jew mal-azjenda fejn jiżammu.

Artikolu 24

Derogi ta' moviment jew trasport ta' equidae akkumpanjati minn dokument temporanju

1. Mal-applikazzjoni mill-indokratur jew fuq talba mill-awtorità kompetenti, il-korp emittenti għandu joħroġ dokument temporanju li juri mill-anqas l-informazzjoni provduta fl-Anness III, li tippermetti lill-equidae jiġu mċaqilqa jew ittrasportati fl-istess Stat Membru għal perjodu li ma jaqbiżx il-45 jum, filwaqt li d-dokument ta' identifikazzjoni huwa kkonsenjat lill-korp emittenti jew lill-awtorità kompetenti għall-iskop tal-aġġornament tad-dettalji ta' identifikazzjoni.

2. L-equidae, akkumpanjati minn dokument temporanju kif previst fil-paragrafu 1, ma għandux jiġi mċaqlaq lejn biċċerija għall-qatla għall-konsum mill-bniedem.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, meta, matul il-perjodu ta' 45 ġurnata msemmi f'dak il-paragrafu, l-annimal ekwin għandu jiġi ttrasportat lejn Stat Membru ieħor jew minn ġo Stat Membru ieħor lejn pajjiż terz, huwa għandu, irrispettivament mill-istatus tar-reġistrazzjoni tiegħu, jiġi akkumpanjat, flimkien mad-dokument temporanju kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu, b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimal skont l-Anness III tad-Direttiva 2009/156/KE.

Artikolu 25

Deroga għall-movimenti bi "smart card"

1. B'deroga mill-Artikolu 23(1), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-moviment jew it-trasport ta' equidae rreġistrat jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni fi ħdan l-istess Stat Membru li ma jkunux akkumpanjati bid-dokument ta' identifikazzjoni tagħhom, sakemm jiġu akkumpanjati bi smart card maħruġa mill-istess korp emittenti li jkun ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni tagħhom u li jkun fiha l-informazzjoni stipulata fl-Anness II.

2. L-Istati Membri, huma u jagħmlu użu mid-deroga pprovduta fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jagħtu derogi lil xulxin li jkopru l-moviment jew it-trasport ta' equidae reġistrati jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni fi ħdan it-territorji tagħhom stess.

Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jagħtu derogi bħal dawn.

Artikolu 26

Movimenti u trasport ta' equidae għall-qatla

1. Dan li ġej għandu jakkumpanja lill-equidae għall-qatla meta jkunu qed jiġu mċaqilqa jew ittrasportati lejn il-biċċerija:

(a) id-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ b'mod konformi mal-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 14; jew

(b) id-dokument ta' identifikazzjoni duplikat maħruġ skont l-Artikolu 29 jew 30 li kien suġġett għad-deroga prevista fl-Artikolu 31.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-equidae għall-qatla li għalihom ma jkun inħareġ l-ebda dokument ta' identifikazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 9(1), biex jiġi ttrasportat direttament mill-azjenda fejn twieled lejn il-biċċerija fl-istess Stat Membru bil-kundizzjoni li:

(a) l-annimal equidae għall-qatla jkollu inqas minn 12-il xahar u jkollu stilel dentali viżibbli tal-incisors temporanji laterali;

(b) ikun hemm traċċabilità mhux interrotta mill-azjenda tat-twelid sal-biċċerija;

(c) matul it-trasport lejn il-biċċerija, l-equidae għall-qatla jkunu mmarkati individwalment skont l-Artikolu 18 jew 21;

(d) il-konsenja tkun akkumpanjata mill-informazzjoni tal-katina alimentari skont it-Taqsima III tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li għandha tinkludi referenza għall-immarkar individwali msemmi fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(e) it-transponder jew kull identifikatur fiżiku applikat għall-annimali equidae skont l-Artikolu 21 għandu jiġi mħares minn użu qarrieqi frawdolenti, partikolarment mill-irkurpu, il-qerda jew ir-rimi tiegħu fil-post.

3. L-Artikolu 34(1)(b) u (c) ma għandux japplika fil-każ ta' moviment jew trasport tal-equidae għall-qatla skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU VI

ĠESTJONI, DUPLIKAZZJONI, SOSTITUZZJONI U SOSPENSJONI TAD-DOKUMENTI TA' IDENTIFIKAZZJONI

Artikolu 27

Obbligi ta' indokraturi dwar il-ġestjoni tad-dokumenti ta' identifikazzjoni biex jiżguraw il-kontinwità ta' identità matul il-ħajja tal-annimal ekwin

1. L-indokratur ta' annimal ekwin għandu jiżgura li d-dettalji tal-identifikazzjoni li ġejjin fid-dokument ta' identifikazzjoni jkunu f'kull ħin aġġornati u korretti:

(a) l-istatus tal-annimal ekwin fir-rigward tal-eliġibilità tiegħu għall-qatla għall-konsum mill-bniedem;

(b) il-kodiċi ta' transponder jew marka li tinqara ċar użata bħala metodu alternattiv ta' verifika tal-identità kif previst fl-Artikolu 21;

(c) l-istatus jew bħala annimal ekwin irreġistrat jew annimal equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni;

(d) l-informazzjoni dwar is-sjieda, meta mitluba mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru meta l-annimal ekwin jinżamm jew mill-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1).

2. Irrispettivament mill-korp emittenti li ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 9(1), 14, 29 jew 32, l-indokratur ta' annimal ekwin għandu jiżgura li d-dokument ta' identifikazzjoni huwa ppreżentat mill-korp emittenti msemmi fl- Artikolu 5(1) adattat għall-kategorija ta' annimal ekwin fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin sabiex jipprovdu dettalji ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 38(1) fi żmien 30 jum minn:

(a) ħruġ tad-dokument tal-identifikazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 9(1) minn entità emittenti barra l-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda;

(b) l-introduzzjoni tal-annimal ekwin fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda minn Stat Membru ieħor, bl-eċċezzjoni ta'

(i) equidae li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet, tlielaq, spettakli, taħriġ u tagħbija għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum;

(ii) żwiemel tal-għalla bbażati fl-Istat Membru għall-istaġun tat-tgħammir;

(iii) debba li tinsab fl-Istat Membru għat-tgħammir għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum;

(iv) equidae akkomodati f'faċilità veterinarja għal raġunijiet mediċi;

(v) equidae maħsuba għall-qatla fi żmien għaxart ijiem (10) mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Meta jkun hemm il-bżonn għal aġġornament tad-dettalji ta' identifikazzjoni previsti fl-Artikolu 38(1) fid-dokument ta' identifikazzjoni, l-indokratur għandu jippreżenta d-dokument ta' identifikazzjoni fi żmien 30 jum mill-avveniment li affettwa d-dettalji tal-identifikazzjoni:

(a) fil-każ ta' equidae reġistrati msemmija fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 2, il-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) li

(i) jew ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni għall-annimal ekwin irreġistrat ikkonċernat; jew

(ii) huwa approvat skont id-Deċiżjoni 92/353/KEE fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin u stabbilixxa reġistru għaż-żwiemel tar-razza li fih jista' jiddaħħal jew jiġi rreġistrat l-annimal ekwin skont id-Deċiżjoni 96/78/KE; jew

(b) fil-każ ta' żwiemel irreġistrati msemmija fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 2, mal-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1)(b), b'mod konformi mar-regoli ta' dak il-korp emittenti li ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni għaż-żiemel irreġistrati kkonċernati; jew

(c) mal-awtorità kompetenti jew kull korp emittenti maħtur b'mod konformi ma' dan ir-Regolament mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin.

Artikolu 28

Obbligi ta' korpi emittenti dwar il-ġestjoni tad-dokumenti ta' identifikazzjoni biex jiżguraw il-kontinwità ta' identità matul il-ħajja tal-annimal ekwin

Il-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 27(3) għandu:

(a) iwettaq l-aġġornamenti meħtieġa tad-dettalji tal-identifikazzjoni fid-dokument tal-identifikazzjoni;

(b) idaħħalfil-Parti C tat-Taqsima I tad-dokument ta' identifikazzjoni l-informazzjoni li hemm bżonn dwar il-korp emittenti, li għandha tikkonsisti mill-inqas fin-numru kompatibbli mal-UELN tal-bażi ta' dejta, meta inizjalment ma jkunx ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 9(1);

(c) jimla l-entrati fit-Taqsima IV tad-dokument ta' identifikazzjoni, meta l-bidla fis-sjieda hija meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew mir-regoli tal-korp emittenti;

(d) jidħol jew jimla fil-bażi ta' dejta li stabbilixxa b'mod konformi mal-Artikolu 38 ir-rekords tad-dettalji tall-identifikazzjoni li jinsabu fid-dokument tal-identifikazzjoni ppreżentat;

(e) jippreżenta l-informazzjoni fil-bażi ta' dejta ċentrali skont l-Artikolu 39.

Artikolu 29

Il-ħruġ ta' dokumenti ta' identifikazzjoni duplikati

1. Id-dokument ta' identifikazzjoni duplikat għandu jinħareġ mill-entità tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 5(1) meta:

(a) id-dokument ta' identifikazzjoni oriġinali jintilef u l-identità tal-annimal tista' tiġi stabbilita, speċjalment permezz tal-kodiċi trażmess mit-transponder jew bil-metodu alternattiv ta' verifika tal-identità skont l-Artikolu 21; jew

(b) l-annimal ma ġiex identifikat fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 12, l-Artikolu 14 jew l-Artikolu 43(2), sakemm iċ-ċertifikat ta' kopertura jkun disponibbli u l-omm bijoloġika jew, f'każ ta' trasferiment ta' embrijoni, l-omm adottiva tiġi identifikata b'mod konformi ma' dan ir-Regolament; jew

(c) l-awtorità kompetenti għandha prova li ċerti dettalji ta' identifikazzjoni fid-dokument ta' identifikazzjoni eżistenti ma jaqblux mal-annimal ekwin korrispondenti u d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 12(3)(a) ma jistgħux jiġu applikati.

2. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 1, il-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 5(1) fuq applikazzjoni mill-indokratur jew fuq talba tal-awtorità kompetenti, għandu:

(a) jwaħħal mal-annimal, fejn meħtieġ, transponder skont l-Artikolu 18 jew metodu awtorizzat ta' verifika tal-identità b'mod konformi mal-Artikolu 21;

(b) joħroġ dokument ta' identifikazzjoni duplikat immarkat b'mod ċar bħala ("dokument ta' identifikazzjoni duplikat") b'referenza għan-numru permanenti uniku rreġistrat fil-bażi ta' dejta tal-korp emittenti li:

(i) wettaq l-ewwel identifikazzjoni tal-annimal u ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni oriġinali mitluf; jew

(ii) joħroġ id-dokument ta' identifikazzjoni duplikat għal annimal msemmi fil-paragrafu 1(b);

(c) l-annimal ekwin għandu jiġi kklassifikat fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni duplikat bħala mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem.

3. Id-dettalji tad-dokument ta' identifikazzjoni duplikat maħruġ b'mod konformi mal-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu b'referenza għan-numru permanenti uniku fil-bażi ta' dejta, kif previst fl-Artikolu 38, u mibgħut lill-bażi ta' dejta ċentrali b'mod konformi mal-Artikolu 39.

4. Meta nħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni mitluf b'mod konformi mal-Artikolu 9(1) minn korp emittenti kif previst fl-Artikolu 5(1) li ma għadux eżistenti, id-dokument ta' identifikazzjoni duplikat għandu jinħareġ b'mod konformi mal-paragrafu 2 ta' dan l-Atrikolu minn korp emittenti kif previst fl-Artikolu 5(1) fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ewkin.

Artikolu 30

Il-ħruġ ta' dokumenti ta' identifikazzjoni duplikati għal equidae importati fl-Unjoni

B'deroga mill-Artikolu 29(2), meta d-dokument ta' identifikazzjoni oriġinali mitluf kien inħareġ minn korp emittenti msemmi fl-Artikolu 14(a) f'pajjiż terz, id-dokument ta' identifikazzjoni ġdid jista' jinħareġ minn dik l-entità tal-ħruġ fil-pajjiż terz, sakemm id-dokument ta' identifikazzjoni ġdid ikun:

(a) mibgħut minn korp emittenti msemmi fl-Artikolu 14(a) lill-korp emittenti msemmi fl-Artikolu 29(2), meta huwa mmarkat bħala dokument ta' identifikazzjoni duplikat, l-annimal jiġi klassifikat b'mod konformi mal-Artikolu 29(2)(c) u l-informazzjoni tidħol fil-bażi ta' dejta skont l-Artikolu 29(3);

(b) mgħoddi lill-indokratur, jew fejn speċifikament rikjest mil-liġi fl-Istat Membru fejn ikun jinsab l-annimal ekwin għand is-sid, mill-korp emittenti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin.

Artikolu 31

Sospensjoni tal-istatus ta' equidae għall-qalta għall-komsum mill-bniedem

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 29(2)(c) u l-Artikolu 30, u ħlief fil-każ deskritt fl-Artikolu 43(2), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tissospendi l-istatus tal-annimal ekwin bħala wieħed maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem għal perjodu ta' sitt xhur meta:

(a) l-indokratur jista' jiġġustifika b'mod sodisfaċenti fi żmien 30 jum mid-data ddikjarata tat-telf tad-dokument ta' identifikazzjoni li l-istatus tal-annimal ekwin bħala wieħed maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem, ma ġiex kompromess minn xi trattament mediċinali;

(b) l-applikazzjoni għall-identifikazzjoni sseħħ b'mod konformi mat-tieni inċiż tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 96/78/KE matul l-ewwel sena ta' ħajjithom iżda wara li jiskadi l-perjodu massimu permess kif previst fl-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każ kif deskritt fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha ddaħħal id-data tal-bidu tal-perjodu ta' sospensjoni ta' sitt xhur fl-ewwel kolonna tal-Parti III tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni duplikat, u timla t-tielet kolonna tiegħu.

Artikolu 32

Il-ħruġ ta' dokumenti ta' sostituzzjoni duplikati

1. Id-dokument ta' identifikazzjoni duplikat għandu jinħareġ mill-entità tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 5(1) meta:

(a) id-dokument oriġinali ta' identifikazzjoni jkunintilef, u:

(i) l-identità tal-annimal ma tistax tiġi aċċertata;

(ii) ma hemm l-ebda indikazzjoni jew evidenza li nħareġ dokument ta' identifikazzjoni għal dan l-annimal u li kienet ġiet maħruġa minn korp emittenti kif previst fl-Artikolu 5(1);

(b) l-annimal ma ġiex identifikat fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 12(1) jew (2), l-Artikolu 14 jew l-Artikolu 43(2).

2. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 1, il-korp emittenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c) responsabbli għaż-żona fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin għandu fuq applikazzjoni mill-indokratur jew mat-talba tal-awtorità kompetenti:

(a) jagħmel impjant tat-transponder fl-annimal b'mod konformi mal-Artikolu 18 jew japplika metodu alternattiv ta' verifika tal-identità b'mod konformi mal-Artikolu 21;

(b) joħroġ dokument ta' identifikazzjoni sostitut immarkat b'mod ċar bħala ("dokument ta' identifikazzjoni sostitut") b'referenza għal numru permanenti assenjat li jikkorrispondi mar-reġistru fil-bażi ta' dejta dwar il-ħruġ ta' dan id-dokument ta' identifikazzjoni;

(c) l-annimal ekwin għandu jiġi kklassifikat fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni sostitut bħala mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem.

3. Id-dettalji tad-dokument ta' identifikazzjoni sostitut maħruġ skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiddaħħlu b'referenza għan-numru permanenti uniku fil-bażi ta' dejta kif imsemmi fl-Artikolu 38 u mibgħuta lill-bażi ta' dejta ċentrali b'mod konformi mal-Artikolu 39.

Artikolu 33

Sospensjoni tal-validità għal għanijiet ta' moviment tad-dokument ta' identifikazzjoni

Il-veterinarju uffiċjali għandu jissospendi l-validità għal skopijiet ta' moviment tad-dokument ta' identifikazzjoni billi jagħmel annotazzjoni xierqa fit-Taqsima III tiegħu meta annimal ekwin jinżamm jew ikun ġej minn azjenda li:

(a) tkun soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE; jew

(b) li jinsab fi Stat Membru li m'huwiex fi Stat Membru ħieles mill-marda Afrikana taż-żwiemel jien f'parti mit-teritorju tal-Istat Membru b'mod konformi mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/156/KE li hu nfettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel.

KAPITOLU VII

IL-MEWT TA' EQUIDAE U EQUIDAE MAĦSUB GĦALL-QATLA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U R-REKORDS MEDIĊINALI

Artikolu 34

Obbligi tal-veteranju uffiċjali u l-awtorità kompetenti fil-każ ta' qatla jew mewt ta' equidae

1. Mal-qatla jew il-mewt tal-annimal ekwin, għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) it-transponder għandu jiġi mħares minn użu frodulenti sussegwenti, partikolarment mill-irkupru, qerda jew rimi tiegħu fil-post;

(b) id-dokument ta' identifikazzjoni għandu jiġi invalidat għallinqas billi jiġi ttimbrat "invalidu" fuq il-paġni kollha jew issir toqba ta' dijametru xieraq ta' mhux inqas minn toqba standard ta' punċer, fil-paġni kollha;

(c) b'referenza għan-numru permanenti tal-annimal ekwin jew:

(i) id-dokument ta' identifikazzjoni għandu jinqered taħt superviżjoni uffiċjali fil-biċċerija fejn l-annimal inqatel u għandha tiġi kkomunikata dikjarazzjoni lill-korp emittenti, b'mod dirett jew permezz tal-punt ta' kuntatt kif previst fl-Artikolu 36(2), fejn jiġi informat dwar id-data tal-qatla tal-annimal f'biċċerija u fid-data ta' meta jinqered id-dokument ta' identifikazzjoni; jew

(ii) id-dokument ta' identifikazzjoni invalidat għandu jingħata lura lill-korp emittenti indikat jew fil-punt 11 ta' Parti A tat-Taqsima I tad-dokument ta' identifikazzjoni jew fil-Parti C ta' dik it-Taqsima, aġġornati b'mod konformi mal-Artikolu 28(b) jew direttament jew permezz tal-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 36(2), flimkien ma' informazzjoni dwar id-data li fiha l-annimal inqatel f'biċċerija jew inqatel minħabba raġunijiet ta' kontroll ta' mard.

2. Il-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1 għandhom isiru minn jew taħt is-superviżjoni ta':

(a) il-veterinarju uffiċjali:

(i) fil-każ ta' qatla f'biċċerija jew qatla għal skopijiet ta' kontroll ta' mard, b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4)(a) tad-Direttiva 2009/156/KE; jew

(ii) wara l-qatla f'biċċerija, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2009/156/KE; jew

(b) l-awtorità kompetenti kif definit fl-Artikolu 3(10) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, fil-każ tar-rimi jew l-ipproċessar ta' karkassa, li kienet akkumpanjata mid-dokument tal-identifikazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament, fi:

(i) azjenda approvat b'mod konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009; jew

(ii) impjant ta' inċinerazzjoni ta' kapaċità baxxa kif imsemmi fil-punt (a)(iii) tal-Kapitolu III tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

3. Fejn, kif rikjest fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu, it-transponder ma jkunx jista' jiġi rkuprat mill-ġisem tal-annimal ekwin maqtul għall-konsum mill-bniedem, il-veterinarju uffiċjali għandu jiddikjara li l-laħam jew parti mil-laħam li fih it-transponder mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem skont il-Kapitolu V(1)(n) tat-Taqsima II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Artikolu 35

Obbligu tal-indokratur u l-korp emittenti f'każ ta' mewt jew telf tal-annimal ekwin

1. Fil-każijiet kollha ta' mewt jew telf, inkluż serq, tal-annimal ekwin mhux imsemmi fl-Artikolu 34, l-indokratur għandu jirritorna d-dokument ta' identifikazzjoni lill-korp emittenti adattat indikat fil-Parti A tat-Taqsima I jew aġġornat b'mod konformi mal-Artikolu 28(b) fil-Parti C tat-Taqsima I tad-dokument ta' identifikazzjoni fi żmien 30 jum mill-mewt jew mit-telf tal-annimal ekwin.

2. Il-korp emittenti li rċieva l-informazzjoni dwar il-mewt jew it-telf ta' annimal ekwin skont l-Artikolu 34 jew il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jaġixxi skont il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 28.

Artikolu 36

Obbligi tal-Istati Membri biex jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni wara l-mewt ta' annimal ekwin

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri biex jirritornaw id-dokumenti ta' identifikazzjoni invalidi lill-korp emittenti kif previst fl-Artikolu 34(1)(c)(ii).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu punt ta' kuntatt biex jirċievu d-dikjarazzjoni kif previst fl-Artikolu 34(1)(c)(i) jew id-dokumenti ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1)(c)(ii) għal distribuzzjoni ulterjuri lill-korpi emittenti rispettivi fit-territorju tagħhom.

Dak il-punt ta' kuntatt jista' jkun entità ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

3. Meta applikabbli b'mod konformi mal-paragrafu 2, id-dettalji dwar il-punt ta' kuntatt, li jistgħu jiġu inkorporati fil-bażi ta' dejta ċentrali previsti fl-Artikolu 39, għandhom jiġu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u l-pubbliku fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 6(1).

Artikolu 37

L-equidae maħsuba għall-qatla għall-konsum mill-bniedem u r-rekord mediċinali

1. L-annimal ekwin għandu jitqies bħala maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem ħlief fejn jiġi, b'mod konformi mar-Regolament, iddikjarat b'mod irriversibbli li mhux maħsub hekk fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni permezz:

(a) tal-firma tas-sid bid-diskrezzjoni tiegħu, approvat mill-korp emittenti; jew

(b) tal-firem tal-indokratur u tal-veterinarju responsabbli li jaġixxi b'mod konformi mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/82/KE; jew

(c) tal-entrata magħmula mill-korp emittenti, mal-ħruġ ta' dokument ta' identifikazzjoni duplikat b'mod konformi mal-Artikolu 29 jew 30 jew ta' dokument ta' identifikazzjoni sostitut skont l-Artikolu 32.

2. Qabel kull trattament b'mod konformi mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/82/KE jew għal kull trattament bl-użu ta' prodott mediċinali awtorizzat skont l-Artikolu 6(3) ta' dik id-Direttiva, il-veterinarju responsabbli kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE għandu jaċċerta l-istatus tal-annimal ekwin bħala:

(a) maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem, li għandu jkun il-każ normali; jew

(b) mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem kif stabbilit fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni.

3. Meta t-trattament imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jkunx permess għal annimal ekwin maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem, il-veterinarju responsabbli kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE għandu jiżgura li, skont id-deroga prevista fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/82/KE, l-annimal ekwin ikkonċernat jiġi ddikjarat b'mod irriversibbli bħala mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem billi:

(a) jimla u jiffirma l-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni; u

(b) jivvalida l-Parti III tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni b'mod konformi mal-istruzzjonijiet kif previst fil-Parti III tat-Taqsima II.

4. Wara li ttieħdu l-miżuri previsti fil-paragrafu 3, l-indokratur tal-annimal ekwin għandu jippreżenta d-dokument tal-identifikazzjoni ma' korp emittenti fl-Istat Membru fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin, jew jipprovdi l-informazzjoni elettronika fejn jiġi stabbilit dan l-aċċess għall-bażi ta' dejta, f'perjodu massimu ta' 14-il jum mid-data tal-iffirmar fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istat Membru jista' jadotta miżuri biex jiżgura li l-veterinarju responsabbli jinnotifika l-miżuri mwettqa skont il-paragrafu 3 fi żmien 14-il jum mid-data tal-iffirmar fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni:

(a) jew direttament lill-korp emittenti msemmi fil-paragrafu 4 u jipprovdi l-informazzjoni li hemm bżonn għall-korp emittenti biex jaġġorna l-bażi tad-dejta b'mod konformi mal-Artikolu 39; jew

(b) direttament fil-bażi ta' dejta ċentrali mwaqqfa skont l-Artikolu 39, fejn huwa żgurat li l-informazzjoni tiġi inkorporata fil-bażi tad-dejta stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38 mill-korp emittenti kif previst fil-paragrafu 4.

6. Meta annimal ekwin għandu jiġi ttrattat skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2001/82/KE, il-veterinarju responsabbli għandu jdaħħal fil-Parti III tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzjoni id-dettalji rekwiżiti tal-prodott mediċinali li fih sustanzi essenzjali jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud għat-trattament tal-equidae elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1950/2006.

Il-veterinarju responsabbli għandu jdaħħal id-data tal-aħħar amministrazzjoni, kif preskritta, ta' dak il-prodott mediċinali u għandu, huwa u jaġixxi skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2001/82/KE, jinforma lill-indokratur bid-data ta' meta jkun se jiskadi l-perjodu ta' rtirar stabbilit skont l-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva.

KAPITOLU VIII

REKORDS U PENALI

Artikolu 38

Bażi ta' dejta

1. Meta jinħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni, jew waqt ir-reġistrazzjoni ta' dokumenti ta' identifikazzjoni li nħarġu preċedentement, l-entità tal-ħruġ għandha żżomm rekord ta' għallinqas l-informazzjoni li ġejja dwar l-annimal ekwin fil-bażi ta' dejta tagħha:

(a) in-numru permanenti uniku;

(b) l-ispeċi;

(c) is-sess;

(d) il-kulur;

(e) id-data (jj/xx/ssss) tat-twelid kif iddikjarata mill-kustodju msemmi fil-punt (i);

(f) jekk ikun il-każ, għallinqas l-aħħar 15-il ċifra tal-kodiċi trażmess mit-transponder, jew il-kodiċi trażmess minn apparat għall-identifikazzjoni tal-frekwenza tar-radju mhux konformi mal-istandard tal-ISO 11784 flimkien ma' informazzjoni dwar is-sistema tal-qari meħtieġa, jew il-metodu alternattiv ta' identità ta' verifika prevista b'mod konformi mal-Artikolu 21;

(g) il-pajjiż tat-twelid kif iddikjarat mill-kustodju msemmi fil-punt (i);

(h) id-data tal-ħruġ u kull modifika tad-dokument ta' identifikazzjoni;

(i) l-isem u l-indirizz tal-indokratur li ressaq l-applikazzjoni kif prevista fl-Artikolu 11(1), 15(1), 29(2) jew 32(2) jew, meta applikabbli, ippreżentat id-dokument ta' identifikazzjoni kif previst fl-Artikolu 27(3);

(j) l-istatus ta' equidae rreġistrati jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni;

(k) l-isem tal-annimal (jiġifieri, l-isem tat-twelid u fejn applikabbli, l-isem kummerċjali), kif iddikjarat mill-kustodju kif previst fil-punt (i);

(l) l-istatus magħruf tal-annimal bħala wieħed mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem;

(m) in-numru tas-serje, fejn dan in-numru tas-serje huwa applikat għad-dokument ta' identifikazzjoni kif previst fl-Artikolu 9(1) u (3), u kull informazzjoni dwar dokumenti ta' identifikazzjoni ġodda, duplikati jew sostituti maħruġa b'mod konformi mal-Artikolu 12(3), l-Artikolu 29, l-Artikolu 30 jew l-Artikolu 32;

(n) il-pajjiż fejn tinsab l-azjenda tal-annimal ekwin kif iddikjarat mill-indokratur imsemmi fil-punt (i);

(o) id-data notifikata ta' mewt jew telf tal-annimal kif iddikjarat mill-kustodju msemmi fil-punt (i) jew id-data tal-qatla.

2. L-entità tal-hruġ għandha żżomm l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rekords fil-bażi ta' dejta tagħha għal perjodu ta' mill-inqas 35 sena jew perjodu ta' mill-inqas sentejn mid-data tal-komunikazzjoni mill-mewt tal-annimal ekwin b'mod konformi mal-Artikolu 34.

3. Mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data ta' reġistrazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-korp emittenti msemmi f'dak il-paragrafu għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (j) u (l) sa (o) tiegħu lill-bażi ta' dejta ċentrali stabbilita skont l-Artikolu 39 fl-Istat Membru:

(a) fejn il-korp emittenti jiġi approvat, rikonoxxut jew stabbilit jew għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu skont l-Artikolu 5(1);

(b) fejn l-annimal ekwin ġie mwieled.

Artikolu 39

It-twaqqif tal-bażi ta' dejta ċentrali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi ta' dejta ċentrali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bażi ta' dejta ċentrali ma għandhiex tkun meħtieġa f'dawk l-Istati Membri li jkollhom bażi ta' dejta unika għal equidae reġistrati u bażi ta' dejta unika għall-equidae għat-tagħmmir u għall-produzzjoni, sakemm:

(a) iż-żewġ bażijiet ta' dejta jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv ma' xulxin u jistgħu jikkooperaw ma' bażijiet ta' dejta ċentrali skont l-Artikolu 40 biex jaġġornaw id-dettalji ta' identifikazzjoni għall-equidae li jbiddlu l-istatus tagħhom bħala jew equidae reġistrati jew equidae għat-tgħammir u l-produzzjoni;

(b) l-awtorità kompetenti għandha aċċess dirett għal kull waħda minn dawn il-bażijiet ta' dejta.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-bażijiet ta' dejta ċentrali tagħhom disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku fuq il-websajt prevista fl-Artikolu 6(1).

Artikolu 40

L-operazzjoni u l-kooperazzjoni ta' bażijiet ta' dejta ċentrali

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korpi emittenti msemmija fl-Artikolu 5(1) jinkorporaw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 28, u l-Artikolu 38(1) marbuta ma' equidae identifikati fit-territorju tiegħu f'bażi ta' dejta ċentrali jew li l-bażijiet ta' dejta tal-korpi emittenti fit-territorju tiegħu jkunu f'netwerk ma' dik il-bażi ta' dejta ċentrali.

2. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw fit-tħaddim tal-bażijiet tad-dejta ċentrali tagħhom skont id-Direttiva 89/608/KEE u għandhom jiżguraw li:

(a) b'mod konformi mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, il-bażi ta' dejta ċentrali tikkomunika b'referenza għan-numru permanenti uniku, kull modifika tad-dettalji ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 38(1) fil-bażi ta' dejta ċentrali tal-Istat Membru fejn inħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra jingħataw aċċess mingħajr ħlas għal minimu ta' informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta ċentrali biex jistaqsu jekk il-kodiċi ta' transponder, numru permanenti uniku jew numru ta' passaport, ġewx irreġistrati hemmhekk.

Artikolu 41

Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali pprovduti jistgħu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2016 u jinnotifikawha mingħajr dewmien bl-emendi sussegwenti li jaffettwawhom.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 42

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 43

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(2), dawn l-equidae għandhom jitqiesu li huma identifikati b'mod konformi ma' dan ir-Regolament:

(a) equidae li twieldu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009, u ġew identifikati sa dik id-data skont id-Deċiżjoni 93/623/KEE jew 2000/68/KE, dment li d-dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġin għall-equidae:

(i) ġew irreġistrati skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 504/2008 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009; kif ukoll

(ii) jinkludu Taqsima li tikkorrispondi għat-Taqsima IX tal-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni stipulat fl-Anness tad-Deċiżjoni 93/623/KE, u l-Parti III-A tad-dokument ta' identifikazzjoni hija lesta fejn l-informazzjoni hija mniżżla fil-Parti III-B tiegħu;

(b) l-equidae li twieldu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009, iżda mhux identifikati b'dik id-data skont id-Deċiżjoni 93/623/KEE jew 2000/68/KE, dment li jiġu identifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009;

(c) equidae identifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 sal-31 ta' Diċembru 2015.

2. L-equidae li twieldu fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni minn pajjiż terz wara t-30 ta' Ġunju 2009 u li mhumiex identifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 sal-31 ta' Diċembru 2015 għandhom jiġu identifikati skont l-Artikolu 29 jew 32 ta' dan ir-Regolament, skont l-informazzjoni dwar l-identità tagħhom disponibbli, u għandhom jiġu kklassifikati fil-Parti II tat-Taqsima II tad-dokument ta' identifikazzzjoni duplikat bħala mhux maħsub għall-qatla għall-konsum mill-bniedem.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(2), l-Istati Membri li jkunu taw derogi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 504/2008 qabel l-1 ta' Jannar 2016 u nnotifikaw lill-Kummissjoni qabel dik id-data, ma għandhomx bżonn jerġgħu jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwarhom.

4. L-Istati Membri li ma stabbilixxewx bażi ta' dejta ċentrali kif previst fl-Artikolu 39, għandhom jistabbilixxu bażi ta' dejta ċentrali skont l-Artikolu 39 u jiżguraw li tkun operazzjonali b'mod konformi mal-Artikolu 40 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2016.

Artikolu 44

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. Madankollu, l-Artikolu 39 japplika mill-1 ta' Lulju 2016 f'dawk l-Istati Membri li ma stabbilixxewx bażi ta' dejta ċentrali operattiva sal-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

PARTI 1

Dan li ġej għandu jkun il-kontenut tad-dokument ta' identifikazzjoni previst fl-Artikolu 7:

DOCUMENT D'IDENTIFICATION DES ÉQUIDÉS

Ces instructions sont rédigées en vue d'assister l'utilisateur et n'entravent pas l'application des règles établies par le règlement d'execution (UE) 2015/262 de la Commission (*)

I. Le document d'identification doit comporter toutes les instructions nécessaires à son utilisation ainsi que les coordonnées de l'organisme émetteur en français, en anglais et dans une des langues officielles de l'État membre ou du pays dans lequel l'organisme émetteur a son siège.

II. Le document d'identification doit contenir les renseignements suivants:

1. **Section I — Identification**

L'équidé doit être identifié par l'organisme émetteur. Le numéro unique d'identification valable à vie doit permettre d'identifier clairement l'équidé ainsi que l'organisme émetteur du document d'identification et doit être compatible avec le système UELN (numéro universel d'identification des équidés). Dans le signalement figurant à la section I, partie A, notamment au point 3, l'utilisation d'abbréviations doit être évitée autant que possible. À la section I, partie A, point 5, un champ doit être prévu pour insérer au moins quinze chiffres du code transmis par le transpondeur.

À la section I, partie B, le signalement graphique doit être effectué à l'aide d'un stylo à bille à encre rouge pour les marques et d'un stylo à bille à encre noire pour les épis, ou à l'aide de ces mêmes couleurs s'il est effectué par voie électronique, selon les lignes directrices fournies par la Fédération équestre internationale (FEI) ou par Weatherbys.

La section I, partie C, doit servir à enregistrer toute modification des données d'identification.

2. **Section II — Administration de médicaments vétérinaires**

Les parties I et II ou la partie III de cette section doivent être dûment complétées suivant les instructions établies dans cette section.

3. **Section III — Validité des documents pour les mouvements d'équidés**

Les suspensions ou rétablissements de la validité du document conformément à l'article 4, paragraphe 4, point a), deuxième alinéa, de la directive 2009/156/CE doivent être consignés.

4. **Section IV — Propriétaire**

Le nom du propriétaire ou celui de son agent ou représentant doit être mentionné si l'organisme émetteur le requiert.

5. **Section V — Certificat d'origine**

Si l'équidé est inscrit ou enregistré et susceptible d'être inscrit dans un livre généalogique tenu par une organisation d'élevage agréée ou reconnue, le document d'identification doit indiquer le pedigree de l'équidé ainsi que la classe du livre généalogique dans laquelle celui-ci est inscrit conformément aux règles de l'organisation d'élevage agréée ou reconnue délivrant le document d'identification.

6. **Section VI — Enregistrement des contrôles d'identité**

À chaque fois que les lois et règlements l'exigent, l'identité de l'équidé doit faire l'objet de contrôles enregistrés par l'autorité compétente, au nom de l'organisme émetteur, ou par l'organisation gérant des chevaux en vue de la compétition ou des courses.

7. **Section VII — Enregistrement des vaccinations contre la grippe équine**

Toutes les vaccinations contre la grippe équine, y compris par administration de vaccins combinés, doivent être enregistrées à la section VII. Ces informations peuvent être fournies moyennant l'apposition d'un autocollant.

(*) Règlement d'exécution (UE) 2015/262 de la Commission du 17 février 2015 établissant des règles conformément aux directives 90/427/CEE et 2009/156/CE du Conseil en ce qui concerne les méthodes d'identification des équidés (règlement sur le passeport équin) (JO L 59 du 3.3.2015, p. 1).

8. **Section VIII — Enregistrement des vaccinations autres que les vaccinations contre la grippe équine**

   Toutes les vaccinations autres que les vaccinations contre la grippe équine doivent être enregistrées à la section VIII. Ces informations peuvent être fournies moyennant l'apposition d'un autocollant.

9. **Section IX — Examens de laboratoire**

   Les résultats de tous les examens pratiqués pour déceler une maladie transmissible doivent être consignés.

III. Le document d'identification peut contenir les renseignements suivants:

10. **Section X — Conditions sanitaires de base (obligatoire pour les équidés enregistrés)**

    Ces conditions ne s'appliquent qu'aux mouvements d'équidés enregistrés qui ont lieu sur le territoire d'un même État membre.

11. **Section XI — Châtaignes**

    Cette section est nécessaire au respect du modèle de document d'identification de la Fédération équestre internationale (FEI).

IV. Sauf s'il est détruit sous surveillance officielle à l'abattoir, le document d'identification doit être restitué à l'organisme émetteur en cas de mort, d'élimination, de perte ou de vol de l'animal, ou si celui-ci est abattu à des fins de lutte contre les maladies.

IDENTIFICATION DOCUMENT FOR EQUIDAE

These instructions are drawn up to assist the user and do not impede on the rules laid down in Commission Implementing Regulation (EU) 2015/262 (*).

I. The identification document must contain all the instructions needed for its use and the details of the issuing body in French, English and one of the official language(s) of the Member State or country where the issuing body has its headquarters.

II. The identification document must contain the following information:

1. **Section I — Identification**

The equine animal shall be identified by the issuing body.The unique life number shall clearly identify the equine animal and the issuing body which issued the identification document and shall becompatible with the universal equine life number (UELN).

In the narrative in Part A of Section I, in particular in point 3 thereof, abbreviations must be avoided, where possible. In point 5 of Part A of Section I, the space must be provided for at least 15 digits of the transponder code.

In Part B of Section I the outline diagram shall be completed using red ball point ink for marks and black ball point ink for whorls, or by use of these colours respectively if completed electronically, taking into account the guidelines provided for by the World Equestrian Federation (FEI) or the Weatherbys.

Part C of Section I must be used to record modifications to identification details.

2. **Section II — Administration of veterinary medicinal products**

Parts I and II or Part III of this Section must be duly completed in accordance with the instructions set out in this Section.

3. **Section III — Validity of document for movement of equidae**

Invalidation or revalidation of the indentification document in accordance with the second subparagraph of Article 4(4)(a) of Directive 2009/156/EC must be indicated.

4. **Section IV — Owner**

The name of the owner or its agent or representative must be stated where required by the issuing body.

5. **Section V — Certificate of orgin**

In the case of equidae entered or registered and eligible for entry in a studbook maintained by an approved or recognised breeding organisation, the identification document shall contain the pedigree and the studbook class in which the equine animal is entered in accordance with the rules of the approved or recognised breeding organisation issuing the identification document.

6. **Section VI — Recording of identity checks**

Whenever laws and regulations require to conduct checks on the identity of the equine animal, those checks should be recorded by the competent authority, on behalf of the issuing body or by the organisation which manages registered horses for competitions or races.

7. **Section VII — Record of vaccination against equine influenza**

All equine influenza vaccinations, including by use of combined vaccines, must be recorded in Section VII. The information may take the form of a sticker.

(*) Commission Implementing Regulation (EU) 2015/262 of 17 February 2015 laying down rules pursuant to Council Directives 90/427/EEC and 2009/156/EC as regards the methods for the identification of equidae (Equine Passport Regulation) (OJ L 59, 3.3.2015 , p. 1).

8. **Section VIII — Record of vaccination against other diseases**

All vaccinations other than those against equine influenza must be recorded in Section VIII. The information may take the form of a sticker.

9. **Section IX — Laboratory health tests**

The results of all tests carried out to detect transmissible diseases must be recorded.

III. The identification document may contain the following information:

10. **Section X — Basic health conditions (mandatory for registered equidae)**

These conditions shall apply only for movement of registered equidae on the territory of a Member State.

11. **Section XI — Chestnuts**

This section shall be required for compliance with the model of the identification document of the World Equestrian Federation (FEI).

IV. Except where it is destroyed under official supervision at the slaughterhouse, the identification document must be returned to the issuing body after the animal has died, had to be destroyed, was lost or stolen or was slaughtered for disease control purposes.

DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI GĦALL-EQUIDAE

Dawn l-istruzzjonijiet tfasslu biex jgħinu lill-utent u m'għandhomx effett fuq ir-regoli stipulati fir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 (*)

